# I

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1099/2009

**tal-24 ta' Settembru 2009**

**dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (1),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (2),

Wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 93/119/KE tat-22 ta' Diċembru 1993 dwar il-protezzjoni ta' annimali fil-ħin tat-tbiċċir jew qtil (3) tistabbilixxi regoli minimi komuni għall-protezzjoni tal-annimali fil-ħin tal-qatla jew qtil fil-Komunità. Dik id-Direttiva ma ġietx emendata b'mod sostanzjali mill-adozzjoni tagħha.

(2) Il-qtil tal-annimali jista' jwassal għal uġigħ, stress, biża' jew forom oħra ta' tbatija għall-annimali anke fl-aħjar kondizzjonijiet tekniċi disponibbli. Ċerti operazzjonijiet marbuta mal-qatla jistgħu jikkawżaw stress u kwalunkwe teknika ta' sturdament tippreżenta ċerti żvantaġġi. L-operaturi tan-negozju jew kwalunkwe persuna involuta fil-qtil tal-annimali għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jevitaw l-uġigħ u jnaqqsu l-istress, t-tbatija tal-annimali waqt il-proċess tal-qtil jew l-qatla, filwaqt li jqisu l-aħjar prattika fil-qasam u l-metodi permessi skont dan ir-Regolament. Għalhekk, meta l-operaturi tan-negozju jew kwalunkwe persuna involuta fil-qtil tal-annimali jiksru wieħed mir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jew jużaw metodi ta' prattika li ma jirriflettux l-aħħar żviluppi fil-qasam u b'hekk iwasslu għall-uġigħ, l-istress u t-tbatija minħabba negliġenza jew inkella intenzjonalment, l-uġigħ, l-istress jew it-tbatija għandhom jitqiesu li jistgħu jkunu evitati.

(3) Il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla ġiet koperta mil-liġi Komunitarja mill-1974, u ġiet rinforzata sostanzjalment bid-Direttiva 93/119/KE. Madanakollu, ġew osservati diskrepanzi kbar bejn l-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva u ġew indikati tħassib kif ukoll differenzi maġġuri fir-rigward tat-trattament xieraq li jistgħu jaffettwaw il-kompetittività bejn l-operaturi tan-negozju.

(4) It-trattament xieraq tal-annimali huwa valur Komunitarju li huwa stabbilit fil-Protokoll (Nru 33) dwar il-protezzjoni u l-benessri tal-annimali anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ("il-Protokoll (Nru 33)"). Il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla hija kwistjoni ta' interess pubbliku li taffettwa l-attitudnijiet tal-konsumatur lejn il-prodotti agrikoli. Barra minn hekk, it-titjib tal-protezzjoni tal-annimali fil-ħin tal-qatla jikkontribwixxi għal laħam ta' kwalità ogħla u indirettament għandu impatt pożittiv fuq is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol fil-biċċeriji.

(5) Il-liġi nazzjonali dwar il-protezzjoni tal-annimal waqt il-qatla li għandha impatt fuq il-kompetizzjoni u, għalhekk, fuq l-operat tas-suq intern fi prodotti li ġejjin mill-annimali inklużi fl-Anness I mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea. Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli komuni sabiex jiġi żgurat l-iżvilupp razzjonali tas-suq intern f'dawk il-prodotti.

(1) L-Opinjoni tas-6 ta' Mejju 2009 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
(2) L-Opinjoni tal-25 ta' Frar 2009 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
(3) ĠU L 340, 31.12.1993, p. 21.

(6) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA), stabbilita bir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel [1], adottat żewġ opinjonijiet dwar l-aspetti tat-trattament xieraq tas-sistemi prinċipali ta' sturdament u qtil ta' ċerti speċi ta' annimali, b'mod partikolari l-aspetti tat-trattament xieraq tas-sistemi prinċipali ta' sturdament u qtil tal-ispeċi tal-annimali kummerċjali ewlenin, fl-2004 u dwar l-aspetti tat-trattament xieraq tas-sistemi prinċipali ta' sturdament u qtil applikati għal ċriev, mogħoż, fniek, ngħam, papri, wiżżijiet u summien [2] imkabbra għal skopijiet kummerċjali, fl-2006. Il-liġi Komunitarja f'dan il-qasam għandha tiġi aġġornata sabiex tieħu kont ta' dawk l-opinjonijiet xjentifiċi. M'humiex inklużi f'dan ir-Regolament rakkomandazzjonijiet sabiex jitneħħa gradwalment l-użu tad-dijossidu tal-karbonju għall-ħnieżer u l-isturdament permezz tal-banjijiet tal-ilma għat-tjur minħabba li l-valutazzjoni tal-impatt wera li rakkomandazzjonijiet bħal dawn ma kinux ekonomikament vijabbli fl-UE. Madankollu, hu importanti li din id-diskussjoni titkompla fil-futur. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tħejji u tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar id-diversi metodi ta' sturdament għat-tjur, u b'mod partikolari dwar l-isturdamenti multipli fil-banjijiet tal-ilma. Barra minn hekk, rakkomandazzjonijiet oħra għandhom ikunu esklużi minn dan ir-Regolament għaliex jirriferu għal parametri tekniċi li għandhom ikunu parti mill-miżuri implimentattivi jew mil-linji gwida Komunitarji. M'humiex inklużi f'dan ir-Regolament rakkomandazzjonijiet dwar l-impjanti tal-akkwakultura minħabba li hemm il-ħtieġa ta' aktar opinjoni xjentifika u ta' evalwazzjoni ekonomika f'dan il-qasam.

(7) Fl-2007, l-Organizzazzjoni Dinija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) adottat il-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Tal-Art li jinkludi linji gwida għall- qtil ta' annimali għal skopijiet ta' kontroll ta' mard. Dawk il-linji gwida internazzjonali fihom rakkomandazzjonijiet dwar l-immaniġġar, it-trażżin, l-isturdament u l-fsada tal-annimali fil-biċċeriji u l-qtil ta' annimali f'każijiet ta' tifqigħ ta' mard li jittieħed. Għandu jittieħed kont ukoll ta' dawk l-istandards internazzjonali f'dan ir-Regolament.

(8) Mill-adozzjoni tad-Direttiva 93/119/KE, il-leġislazzjoni Komunitarja dwar is-sigurtà fl-ikel applikabbli għall-biċċeriji ġiet emendata fil-fond mill-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel [3] u r-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali [4]. Dawk ir-Regolamenti jenfasizzaw ir-responsabbiltà tal-operaturi tan-negozju tal-ikel li jiżguraw is-sikurezza fl-ikel. Il-biċċeriji huma wkoll suġġetti għal proċedura ta' approvazzjoni minn qabel li permezz tagħha l-kostruzzjoni, it-tqassim u t-tagħmir jiġu eżaminati mill-awtorità kompetenti sabiex jiġi żgurat li huma konformi mar-regoli tekniċi korrespondenti dwar is-sigurtà fl-ikel. It-tħassib dwar it-trattament xieraq tal-annimali għandu jkun integrat aħjar fil-biċċeriji, il-kostruzzjoni u t-tqassim tagħhom, kif ukoll it-tagħmir użat fihom.

(9) Il-kontrolli uffiċjali fil-katina tal-ikel ġew ukoll organizzati mill-ġdid bl-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifika tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali [5] u r-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman [6].

(10) Il-kondizzjonijiet li fihom jinqatlu l-annimali miżmumin għat-trobbija għandhom impatt dirett jew indirett fuq is-suq tal-ikel, l-għalf jew prodotti oħra u fuq il-kompetittività tal-operaturi tan-negozju konċernati. Għaldaqstant, tali operazzjonijiet ta' qtil għandhom ikunu koperti mil-liġi Komunitarja. Madankollu, l-ispeċi mrobbija b'mod tradizzjonali bħal żwiemel, ħmir, baqar, nagħaġ, mogħoż jew ħnieżer jistgħu jinżammu wkoll għal għanijiet oħra, pereżempju bħala annimali domestiċi, annimali għall-wiri, għal għanijiet ta' xogħol jew għall-isports. Meta l-qtil tal-annimali ta' tali speċi jipproduċi ikel jew prodotti oħra, dawk l-operazzjonijiet għandhom jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Konsegwentement, il-qtil ta' annimali slavaġ jew tat-triq għall-għanijiet ta' kontroll tal-popolazzjoni ma għandux jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(11) Il-ħut jippreżenta differenzi fiżjoloġiċi sostanzjali mill-annimali tal-art, u l-ħut tat-trobbija jiġi maqtul f'kuntest differenti ħafna, partikolarment fir-rigward tal-proċess tal-ispezzjoni. Barra minn hekk, ir-riċerka dwar l-isturdament tal-ħut hija ħafna inqas żviluppata minn dik għal speċi oħra ta' trobbija. Għandhom jiġu stabbiliti standards separati dwar il-protezzjoni tal-ħut waqt il-qatla. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet applikabbli għall-ħut għandhom attwalment ikunu limitati għall-prinċipju ewlieni. Inizjattivi ulterjuri mill-Komunità għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni xjentifika tar-riskju għat-tbiċċir u l-qtil ta' ħut imwettqa mill-EFSA filwaqt li jittieħed kont tal-implikazzjonijiet soċjali, ekonomiċi u amministrattivi.

[1] ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.
[2] Il-Ġurnal EFSA (2006) 326, p. 1.
[3] ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1.
[4] ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.
[5] ĠU L 191, 28.5.2004, p. 1.
[6] ĠU L 226, 25.6.2004, p. 83.

(12) Il-qtil ta' annimali produttivi li jkunu qegħdin ibatu minn uġigħ kbir huwa dmir etiku meta ma jkun hemm l-ebda mod ekonomikament vijabbli sabiex dan l-uġigħ jittaffa. F'ħafna każijiet, l-annimali jistgħu jinqatlu bir-rispett tal-kondizzjonijiet adatti tat-trattament xieraq. Madanakollu, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, bħal aċċidenti f'postijiet remoti, meta persunal kompetenti u tagħmir ma jkunx jista' jilħaq lill-annimali, il-konformità mal-aqwa regoli tat-trattament xieraq tista' ttawwal is-sofferenza tagħhom. Fl-interess tal-annimali, hija għalhekk adatta l-esklużjoni tal-qtil f'każ ta' emerġenza mill-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

(13) Xi drabi, l-annimali jistgħu jkunu ta' perikolu għall-bniedem, possibbilment ipoġġu l-ħajja tal-bniedem f'riskju, jikkawżaw feriti serji jew jittrasmettu mard li jista' jikkaġuna l-mewt. Il-prevenzjoni ta' dawk ir-riskji titwettaq normalment permezz tat-trażżin adatt tal-annimali iżda jista' jkun hemm ukoll ħtieġa li annimali perikolużi jinqatlu sabiex jitneħħa dan ir-riskju f'ċerti ċirkostanzi. F'dawk iċ-ċirkostanzi, il-qtil mhux dejjem jista' jseħħ taħt l-aħjar kondizzjonijiet tat-trattament xieraq minħabba l-emerġenza. Għaldaqstant jeħtieġ li jkun hemm deroga mill-obbligu tal-isturdament jew tal-qtil minnufih tal-annimali f'dawk il-każijiet.

(14) L-attivitajiet tal-kaċċa jew tas-sajd rikreattiv iseħħu f'kuntest fejn il-kondizzjonijiet tal-qtil huma differenti ħafna minn dawk użati għal annimali mrobbija u l-kaċċa hija suġġetta għal leġislazzjoni speċifika. Huwa għalhekk adatt li l-qtil li jseħħ waqt il-kaċċa jew is-sajd rikreattiv jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(15) Il-Protokoll (Nru 33) jissottolinja wkoll il-ħtieġa li jiġu rispettati d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew amministrattivi u d-drawwiet tal-Istati Membri partikolarment dawk relatati ma' riti reliġjużi, tradizzjonijiet kulturali u wirt reġjonali meta jiġu fformulati u implimentati l-linji politiċi Komunitarji dwar, fost l-oħrajn, l-agrikultura u s-suq intern. Huwa għalhekk adatt li avvenimenti kulturali jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, fejn il-konformità mar-rekwiżiti tat-trattament xieraq tal-annimali taffettwa ħażin in-natura proprja tal-avveniment konċernat.

(16) Barra minn hekk, it-tradizzjonijiet kulturali jirriferu għal mod ta' ħsieb, azzjoni jew imġiba abitwali, stabbilita u li tintiret, li infatti tinkludi l-kunċett ta' xi ħaġa trasmessa, jew akkwistata, minn predeċessur. Huma jikkontribwixxu għat-trawwim ta' konnessjonijiet soċjali li ilhom stabbiliti bejn il-ġenerazzjonijiet. Sakemm dawk l-attivitajiet ma jaffettwawx is-suq tal-prodotti li ġejjin mill-annimali u mhumiex motivati minn skopijiet ta' produzzjoni, huwa kunsiljabbli li l-qtil tal-annimali li jseħħ waqt dawk l-avvenimenti jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(17) Il-qatla ta' tjur, fniek u liebri għall-konsum domestiku privat ma ssirx fuq skala li probabbli taffettwa l-kompetittività ta' biċċeriji kummerċjali. Bl-istess mod, l-isforzi neċessarji meħtieġa mill-awtoritajiet pubbliċi sabiex jinkixfu u jiġi kkontrollati tali operazzjonijiet ma jkunux proporzjonali mal-problemi potenzjali li għandhom jiġu solvuti. Huwa għalhekk adatt li dawk l-operazzjonijiet jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(18) Ingħatat deroga mill-isturdament fil-każ ta' qatla għal raġunijiet reliġjużi li jseħħu fil-biċċeriji permezz tad-Direttiva 93/119/KE. Minħabba li d-dispożizzjonijiet Komunitarji applikabbli għall-qatla għal raġunijiet reliġjużi ġew trasposti b'mod differenti skont il-kuntesti nazzjonali, u meta wieħed jikkunsidra li r-regoli nazzjonali jieħdu kont tad-dimensjonijiet li jmorru lil hinn mill-għan ta' dan ir-Regolament, huwa importanti li tinżamm id-deroga mill-isturdament tal-annimali qabel il-qatla, waqt li madankollu jibqa' ċertu livell ta' sussidjarjetà għal kull Stat Membru. Bħala konsegwenza, ir-Regolament attwali jirrispetta l-libertà tar-reliġjon u d-dritt li r-reliġjon jew twemmin jiġi manifestat fil-qima, tagħlim, prattika u osservanza, kif iddikjarat fl-Artikolu 10 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(19) Hemm biżżejjed provi xjentifiċi li juru li l-annimali vertebrati huma annimali li jħossu li għaldaqstant għandhom jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Madankollu, ir-rettili u l-anfibji mhumiex annimali li jitrabbew komunement fil-Komunità u, għalhekk, ma jkunx kunsiljabbli jew proporzjonat li dawn jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu.

(20) Ħafna metodi ta' qtil jikkawżaw uġigħ għall-annimali. L-isturdament huwa għalhekk meħtieġ sabiex jikkawża telf tas-sensi u nuqqas ta' sensibbiltà fl-annimali qabel jinqatlu jew fl-istess ħin li jinqatlu. Il-kejl tat-telf tas-sensi u n-nuqqas ta' sensibbiltà ta' annimal huwa kumpless u jeħtieġ li jitwettaq skont metodoloġija approvata xjentifikament. Madankollu, għandu jitwettaq monitoraġġ permezz ta' indikaturi sabiex tiġi evalwata l-effikaċja tal-proċedura taħt kondizzjonijiet prattiċi.

(21) Il-monitoraġġ tal-effikaċja tal-isturdament huwa bbażat prinċipalment fuq l-evalwazzjoni ta' kemm l-annimal ikun f'sensih u tas-sensibbiltà tal-annimali. Kemm annimal ikun f'sensih huwa essenzjalment il-kapaċità tiegħu li jħoss l-emozzjonijiet u li jikkontrolla l-mobilità volontarja tiegħu. Minkejja xi eċċezzjonijiet, bħall-immobilizzaturi elettroniċi jew tip ta' paraliżi oħra provokata, annimal jista' jkun preżunt li ntilef minn sensih meta jitlef il-pożizzjoni naturali tiegħu ta' bilwieqfa, ma jkunx imqajjem u ma jurix sinjali ta' emozzjonijiet pożittivi jew negattivi bħal biża' jew eċċitament. Is-sensibbiltà ta' annimal hija essenzjalment il-kapaċità tiegħu li jħoss l-uġigħ. B'mod ġenerali, annimal ikun preżunt li mhuwiex sensittiv meta ma juri l-ebda rifless jew reazzjoni għal stimoli bħal ħoss, riħa, dawl jew kuntatt fiżiku.

(22) Qegħdin jiġu żviluppati u proposti regolarment fuq is-suq metodi ġodda ta' sturdament sabiex jiġu indirizzati l-isfidi l-ġodda tal-industrija tal-biedja u tal-laħam. Huwa għalhekk importanti li l-Kummissjoni tkun awtorizzata sabiex tapprova metodi ġodda ta' sturdament waqt li żżomm livell uniformi u għoli ta' protezzjoni għall-annimali.

(23) Il-linji gwida Komunitarji huma għodda utli sabiex l-operaturi tan-negozju u l-awtoritajiet kompetenti jiġu pprovduti b'informazzjoni speċifika dwar il-parametri li għandhom jintużaw sabiex jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni għall-annimali waqt li jinżamm ambjent ekwu għall-operaturi tan-negozju. Għalhekk jeħtieġ li l-Kummissjoni tkun awtorizzata sabiex tfassal tali linji gwida.

(24) Ċerti metodi ta' sturdament, skont il-mod kif jintużaw waqt il-proċess tal-qatla jew tal-qtil, jistgħu jwasslu għall-mewt waqt li jiġi evitat l-uġigħ u jitnaqqas l-istress jew it-tbatija għall-annimali. Metodi oħra ta' sturdament jistgħu ma jwasslux għall-qtil u l-annimali jistgħu jerġgħu jirkupraw jew jirkupraw is-sensibbiltà matul proċeduri sussegwenti li jġiegħluhom isofru l-uġigħ. Għalhekk, dawn il-metodi għandhom jiġu kkompletati minn metodi tekniċi oħra li jwasslu għal mewt ċert qabel ma l-annimali jerġgħu jirkupraw. Għaldaqstant, hu essenzjali li jiġi speċifikat liema metodi ta' sturdament huma meħtieġa li jiġu kkompletati minn metodu ta' qtil.

(25) Il-kondizzjonijiet li fihom l-annimali jiġu storduti u r-riżultati ta' dan l-isturdament ivarjaw fil-prattika minħabba ħafna fatturi. Għalhekk għandha ssir valutazzjoni regolari tal-eżitu tal-isturdament. Għal dak il-għan, l-operaturi tan-negozju għandhom jistabbilixxu kampjun rappreżentattiv għall-kontroll tal-effikaċja tal-prattiċi ta' sturdament tagħhom, waqt li jittieħed kont tal-omoġeneità tal-grupp tal-annimali, u fatturi kritiċi oħrajn, bħat-tagħmir użat u l-persunal involut.

(26) Jista' jiġi ppruvat li ċerti protokolli dwar l-isturdament ikunu affidabbli biżżejjed biex, fiċ-ċirkostanzi kollha, joqtlu lill-annimali irriversibbilment jekk jiġu applikati parametri prinċipali speċifiċi. F'każijiet bħal dawn, il-ħtieġa għal kontrolli għall-isturdamenti jidhru li mhumiex meħtieġa u li huma sproporzjonati. Għalhekk jixraq li tingħata l-possibbiltà li jingħataw derogi mill-obbligi rigward il-verifiki dwar l-isturdamenti meta jkun hemm biżżejjed evidenza xjentifika li protokoll partikolari ta' sturdament jipprovdi mewt irriversibbli lill-annimali kollha skont ċerti kondizzjonijiet kummerċjali.

(27) It-trattament xieraq tal-annimali huwa influwenzat ħafna mill-immaniġġar ta' kuljum tal-operazzjonijiet, u jistgħu jinkisbu riżultati affidabbli biss jekk l-operaturi tan-negozju jiżviluppaw strumenti ta' monitoraġġ sabiex jevalwaw l-effetti tagħhom. Għandhom għalhekk jiġu żviluppati proċeduri operattivi standard fl-istadji kollha taċ-ċiklu tal-produzzjoni u dawn għandhom ikunu bbażati fuq ir-riskju. Għandhom jinkludu objettivi ċari, persuni responsabbli, modus operandi, kriterji li jistgħu jitkejlu, kif ukoll proċeduri ta' monitoraġġ u ta' reġistrazzjoni. Il-parametri prinċipali stabbiliti għal kull metodu ta' sturdament għandhom ikunu speċifikati f'mod li jiżguraw l-isturdament adatt tal-annimali kollha mibgħuta għall-proċess.

(28) Persunal imħarreġ sew u tas-sengħa itejjeb il-kondizzjonijiet li fihom jiġu trattati l-annimali. Il-kompetenza fir-rigward tat-trattament xieraq tal-annimali timplika konoxxenza tal-mudelli bażiċi ta' mġiba u tar-rekwiżiti tal-ispeċi konċernati kif ukoll sinjali ta' jekk annimal huwiex f'sensih u tas-sensibbiltà tiegħu. Tinkludi wkoll kompetenza teknika fir-rigward tat-tagħmir għall-isturdament użat. Il-persunal li jwettaq ċerti operazzjonijiet tal-qatla u l-persuni li jissorveljaw il-qtil staġjonali ta' annimali tal-pil għandhom għalhekk ikunu meħtieġa jkollhom ċertifikat ta' kompetenza rilevanti fir-rigward tal-operazzjonijiet li jwettqu. Madankollu, il-ħtieġa ta' ċertifikat ta' kompetenza għal persunal ieħor li joqtol l-annimali tkun sproporzjonata għall-għanijiet segwiti.

(29) Persunal b'diversi snin ta' esperjenza jista' jkun preżunt li għandu ċertu livell ta' kompetenza. Għandha għalhekk tiġi prevista f'dan ir-Regolament dispożizzjoni transitorja fir-rigward tar-rekwiżiti taċ-ċertifikat ta' kompetenza fir-rigward ta' dan il-persunal.

(30) It-tagħmir għall-isturdament huwa żviluppat u ddisinjat sabiex ikun effiċjenti f'kuntest speċifiku. Il-manifatturi għandhom għalhekk jipprovdu struzzjonijiet dettaljati lill-utenti dwar il-kondizzjonijiet li skonthom għandu jintuża u jinżamm it-tagħmir sabiex jiġi żgurat l-aħjar trattament għall-annimali.

(31) Sabiex tiġi żgurata l-effiċjenza, it-tagħmir għall-isturdament u għat-trażżin għandu jinżamm tajjeb. L-apparat li jintuża b'mod intensiv jista' jkun jeħtieġ is-sostituzzjoni ta' ċerti partijiet u anke t-tagħmir użat okkażjonalment jista' jonqos fl-effiċjenza minħabba l-korrużjoni jew minħabba fatturi ambjentali oħrajn. Bl-istess mod, xi apparat ikun jeħtieġ li jiġi kkalibrat b'mod preċiż. L-operaturi tan-negozju jew kwalunkwe persuna involuta fil-qtil tal-annimali għandhom għalhekk jimplimentaw proċeduri ta' manutenzjoni għal dak it-tagħmir.

(32) It-trażżin tal-annimali hu meħtieġ għas-sikurezza tal-operaturi u l-applikazzjoni adatta ta' ċerti metodi tekniċi ta' sturdament. Madankollu, it-trażżin x'aktarx li joħloq stress żejjed lill-annimali u għandu għalhekk jiġi applikat għall-iqsar perijodu ta' żmien possibbli.

(33) L-annimali jistgħu jbatu meta l-proċeduri għall-isturdament ma jirnexxux. Dan ir-Regolament għandu għalhekk jipprovdi sabiex ikun disponibbli apparat għall-isturdament ta' riżerva adatt biex jitnaqqas l-uġigħ, stress żejjed jew it-tbatija għall-annimali.

(34) L-iskala tal-qatla tat-tjur, fniek u liebri għall-forniment dirett ta' kwantitajiet żgħar ta' laħam lill-konsumatur aħħari jew lill-istabbilimenti lokali tal-bejgħ bl-imnut li jfornu dan il-laħam bħala laħam frisk lill-konsumatur aħħari direttament, tvarja minn Stat Membru għal ieħor minħabba r-regoli nazzjonali li jirregolaw din l-attività skont l-Artikolu 1(3)(d) u 4 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004). Madankollu, hu importanti li jkun żgurat li ċerti rekwiżiti minimi tat-trattament xieraq tal-annimali japplikaw ukoll għal dawk l-attivitajiet.

(35) Fir-rigward tal-qatla ta' ċerti kategoriji ta' annimali li mhumiex tjur, fniek u liebri għal konsum domestiku privat, diġà jeżistu ċerti rekwiżiti Komunitarji minimi bħall-isturdament minn qabel kif ukoll regoli nazzjonali. Madankollu, huwa xieraq li jkun żgurat li jiġu stabbiliti ċerti regoli minimi dwar it-trattament xieraq tal-annimali f'dan ir-Regolament ukoll.

(36) Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 jipprevedi lista ta' stabbilimenti li minnhom huma permessi l-importazzjonijiet fil-Komunità ta' prodotti speċifiċi li ġejjin mill-annimali. Ir-rekwiżiti ġenerali u r-rekwiżiti addizzjonali applikabbli għal biċċeriji stabbiliti f'dan ir-Regolament għandhom jiġu kkunsidrati għall-għanijiet ta' dik il-lista.

(37) Il-Komunità tfittex li tippromwovi standards għoljin ta' trattament xieraq f'popolazzjonijiet ta' annimali fid-dinja kollha, b'mod partikolari fir-rigward tal-kummerċ. Hi tappoġġa standards u rakkomandazzjonijiet speċifiċi dwar it-trattament xieraq tal-annimali tal-OIE, anke fil-qatla tal-annimali. Dawn l-istandards u r-rakkomandazzjonijiet għandhom jiġu kkunsidrati meta tkun trid tiġi stabbilita l-ekwivalenza mar-rekwiżiti Komunitarji skont dan ir-Regolament għall-fini tal-importazzjonijiet.

(38) Il-gwidi ta' prattika tajba mfassla minn organizzazzjonijiet ta' operaturi huma strumenti importanti sabiex jgħinu lill-operaturi tan-negozju biex jikkonformaw ma' ċerti rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, pereżempju bħall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' proċeduri operattivi standard.

(39) Il-biċċeriji u t-tagħmir użat fihom huma ddisinjati għal kategoriji partikolari ta' annimali u ta' kapaċitajiet. Meta dawk il-kapaċitajiet jinqabżu jew meta t-tagħmir jintuża għal skopijiet li ma kienx imfassal għalihom, ikun hemm impatt negattiv fuq it-trattament xieraq tal-annimali. Informazzjoni dwar dawn l-aspetti għandha għalhekk tiġi kkomunikata lill-awtoritajiet kompetenti u għandha tagħmel parti mill-proċedura ta' approvazzjoni għall-biċċeriji.

(40) Biċċeriji mobbli jnaqqsu l-ħtieġa biex l-annimali jiġu trasportati għal distanzi twal u għalhekk jistgħu jikkontribwixxu fil-ħarsien tat-trattament xieraq tal-annimali. Madanakollu, ir-restrizzjonijiet tekniċi għal biċċeriji mobbli huma differenti minn dawk għal biċċeriji fissi u konsegwentement jista' jkun meħtieġ li r-regoli tekniċi jiġu adattati. Għalhekk, dan ir-Regolament għandu jipprevedi l-possibilità li jiġu stabbiliti derogi li jeżentaw lill-biċċeriji mobbli mir-rekwiżiti dwar it-tqassim, il-kostruzzjoni u t-tagħmir tal-biċċeriji. Sakemm dawn id-derogi jiġu adottati, hu adatt li l-Istati Membri jitħallew jistabbilixxu jew iżommu r-regoli nazzjonali rigward il-biċċeriji mobbli.

(41) Regolarment qed isir progress xjentifiku u tekniku fir-rigward tal-kostruzzjoni, it-tqassim u t-tagħmir tal-biċċeriji. Huwa għalhekk importanti li l-Kummissjoni tkun awtorizzata sabiex temenda r-rekwiżiti applikabbli għall-kostruzzjoni, it-tqassim u t-tagħmir tal-biċċeriji waqt li jinżamm livell uniformi u għoli ta' protezzjoni għall-annimali.

(42) Il-linji gwida Komunitarji huma utli biex jagħtu informazzjoni speċifika dwar il-kostruzzjoni, it-tqassim u t-tagħmir tal-biċċeriji lill-operaturi tan-negozju u lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni għall-annimali, waqt li jinżammu l-istess kondizzjonijiet għall-operaturi tan-negozju. Għalhekk jeħtieġ li l-Kummissjoni tkun awtorizzata sabiex tadotta tali linji gwida.

(43) Il-qatla mingħajr l-isturdament jeħtieġ qatgħa preċiża tal-gerżuma b'sikkina taqta' sabiex titnaqqas it-tbatija. Barra minn hekk, l-annimali li ma jkunux imrażżna mekkanikament wara li ssir il-qatgħa x'aktarx li jbatu proċess itwal ta' fsada u, li b'hekk, titwal għalxejn is-sofferenza tagħhom. L-annimali tal-ispeċi bovina, ovina u kaprina huma l-ispeċi l-aktar komuni maqtula b'din il-proċedura. Għalhekk, ir-ruminanti maqtula mingħajr ma jiġu storduti għandhom jitrażżnu individwalment u mekkanikament.

(44) Regolarment qed isir progress xjentifiku u tekniku fir-rigward tal-immaniġġar u t-trażżin tal-annimali fil-biċċeriji. Huwa għalhekk importanti li l-Kummissjoni tkun awtorizzata sabiex temenda r-rekwiżiti applikabbli għall-immaniġġar u t-trażżin tal-annimali qabel il-qatla waqt li jinżamm livell uniformi u għoli ta' protezzjoni għall-annimali.

(45) Il-linji gwida Komunitarji huma utli sabiex l-operaturi tan-negozju u l-awtoritajiet kompetenti jiġu pprovduti b'informazzjoni speċifika dwar l-immaniġġar u t-trażżin tal-annimali qabel il-qatla sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni għall-annimali, waqt li jinżamm ambjent ekwu għall-operaturi tan-negozju. Għalhekk jeħtieġ li l-Kummissjoni tkun awtorizzata sabiex tadotta tali linji gwida.

(46) L-esperjenza li nkisbet f'xi Stati Membri wriet li l-ħatra ta' persuna kwalifikata speċifikament bħala uffiċjal għat-trattament xieraq tal-annimali sabiex tikkoordina u ssegwi l-implimentazzjoni tal-proċeduri operattivi għat-trattament xieraq tal-annimali fil-biċċeriji pprovdiet benefiċċji pożittivi għat-trattament xieraq. Din il-miżura għandha għalhekk tiġi applikata fil-Komunità kollha. L-uffiċjal għat-trattament xieraq tal-annimali għandu jkollu awtorità u kompetenza teknika suffiċjenti sabiex ikun ta' gwida rilevanti għall-persunal li jkun involut direttament fil-qatla tal- annimali fuq il-linja.

(47) Biċċeriji żgħar involuti l-aktar fil-bejgħ dirett tal-ikel lill-konsumatur aħħari ma jeħtiġux sistema kumplessa ta' ġestjoni sabiex jimplimentaw il-prinċipji ġenerali ta' dan ir-Regolament. Ir-rekwiżit li jkun hemm uffiċjal għat-trattament xieraq tal-annimali għalhekk ikun sproporzjonat mal-objettivi segwiti f'dawk il-każijiet u dan ir-Regolament għandu jipprovdi deroga minn dak ir-rekwiżit għal tali biċċeriji.

(48) Id-depopolazzjoni spiss tinvolvi l-ġestjoni ta' kriżijiet bi prijoritajiet parallelli, bħas-saħħa tal-annimali, is-saħħa pubblika, l-ambjent jew it-trattament xieraq tal-annimali. Filwaqt li huwa importanti li jkun hemm konformità mar-regoli dwar it-trattament xieraq tal-annimali fl-istadji kollha fil-proċess tad-depopolazzjoni, jista' jiġri li f'ċirkostanzi eċċezzjonali, il-konformità ma' dawk ir-regoli tista' tpoġġi s-saħħa tal-bniedem f'riskju jew tista' tnaqqas b'mod sinifikanti l-proċess tal-eradikazzjoni tal-marda, u għalhekk tesponi lil aktar annimali għall-mard u l-mewt.

(49) Għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikollhom il-permess jidderogaw minn ċerti dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament fuq il-bażi ta' każ b'każ fejn is-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali teħtieġ il-qtil b'emerġenza tal-annimali u/jew meta ma jkun hemm l-ebda alternattiva adatta disponibbli sabiex jingħatalhom l-aqwa trattament. Madankollu, tali derogi ma għandhomx ikunu sostitut għal ippjanar adatt. Għal dan il-għan, il-livell tal-ippjanar għandu jiżdied u t-trattament xieraq tal-annimali għandu jkun integrat tajjeb fil-pjanijiet ta' kontinġenza għall-mard li jittieħed.

(50) Għall-finijiet tal-proċeduri ta' notifika ta' mard tal-annimali, l-informazzjoni dwar l-inċidenza ta' mard skont id-Direttiva 82/894/KEE tal-21 ta' Diċembru 1982 dwar in-notifika ta' mard tal-annimali fil-Komunità ([1]) tiġi nnotifikata permezz tas-Sistema ta' Notifika ta' Mard tal-Annimali (ADNS). Fil-preżent, l-ADNS ma tipprovdix informazzjoni speċifika dwar it-trattament xieraq tal-annimali iżda fil-futur din tista' tiġi żviluppata għal dan il-għan. Konsegwentement, għandha tkun prevista deroga mill-obbligu ta' rappurtar dwar it-trattament xieraq tal-annimali fil-każ ta' depopolazzjoni sabiex ikun previst l-iżvilupp ulterjuri tal-ADNS.

(51) It-tagħmir modern għall-isturdament u għat-trażżin qiegħed isir dejjem iżjed kumpless u sofistikat, u jeħtieġ kompetenza u analiżi speċifika. L-Istati Membri għandhom għalhekk jiżguraw li jsir disponibbli biżżejjed appoġġ xjentifiku lill-awtorità kompetenti, li għalih l-uffiċjali jkunu jistgħu jirriferu meta t-tagħmir jew il-metodi għall-isturdament tal-annimali jkunu jeħtieġu li jiġu evalwati.

(52) L-effiċjenza ta' kull metodu ta' sturdament hija bbażata fuq il-kontroll ta' parametri ewlenin u tal-evalwazzjoni regolari tagħhom. L-iżvilupp ta' gwidi għal prattika tajba dwar proċeduri operattivi u ta' monitoraġġ għall-użu meta l-qtil tal-annimali huwa importanti għall-provvista ta' gwida adatta dwar it-trattament xieraq tal-annimali għall-operaturi tan-negozju. L-evalwazzjoni ta' tali gwidi teħtieġ konoxxenza xjentifika, esperjenza prattika u kompromess bejn il-partijiet interessati. Għalhekk, dan il-kompitu għandu jitwettaq minn ċentru jew netwerk ta' referenza f'kull Stat Membru f'kooperazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti.

(53) Il-kunsinna ta' ċertifikati ta' kompetenza għandha għalhekk tiġi pprovduta b'mod uniformi. Il-korpi u l-entitajiet li joħorġu ċ-ċertifikati ta' kompetenza għandhom għalhekk ikunu akkreditati skont standards konsistenti li għandhom jiġu vvalutati xjentifikament. Għalhekk, l-entità li tipprovdi l-appoġġ xjentifiku skont l-Artikolu 20 għandu jipprovdi, fejn meħtieġ, l-opinjoni tagħha dwar il-kapaċità u l-adegwatezza tal-korpi jew l-entitajiet li joħorġu ċ-ċertifikati ta' kompetenza.

(54) Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 jipprevedi ċertu azzjoni li għandha tittieħed mill-awtorità kompetenti f'każ ta' nuqqas ta' konformità, b'mod partikolari fir-rigward tar-regoli tat-trattament xieraq. Għaldaqstant, huwa meħtieġ li jsir provvediment għal dik l-azzjoni addizzjonali li tkun speċifika għal dan ir-Regolament.

(55) Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 jipprevedi li l-EFSA għandha tippromwovi n-networking ta' organizzazzjonijiet li joperaw fil-qasam fi ħdan il-missjonijiet tal-Awtorità sabiex jiġu ffaċilitati l-kooperazzjoni xjentifika, l-iskambju tal-informazzjoni, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' proġetti konġunti, kif ukoll l-iskambju ta' kompetenza u tal-aħjar prattika fil-qasam tal-liġi tal-ikel.

([1]) ĠU L 378, 31.12.1982, p. 58.

(56) Il-kunsinna ta' ċertifikati ta' kompetenza u ta' korsijiet ta' taħriġ għandhom jiġu pprovduti b'mod uniformi. Dan ir-Regolament għandu għalhekk jistabbilixxi l-obbligi tal-Istati Membri f'dan ir-rigward, kif ukoll il-modalitajiet li skonthom għandhom jingħataw, jiġu sospiżi jew irtirati ċ-ċertifikati ta' kompetenza.

(57) Iċ-ċittadini Ewropej jistennew li jiġi rispettat minimu ta' regoli dwar it-trattament xieraq waqt il-qatla tal-annimali. F'ċerti oqsma, l-attitudnijiet lejn l-annimali jiddependu wkoll fuq il-perċezzjonijiet nazzjonali u f'xi Stati Membri hemm domanda li jinżammu jew li jiġu adotatti regoli aktar estensivi dwar it-trattament xieraq tal-annimali minn dawk miftiehma fil-livell Komunitarju. Fl-interess tal-annimali u sakemm dan ma jaffettwax l-funzjonament tas-suq intern, hu adatt li l-Istati Membri jingħataw ċerta flessibbiltà biex iżommu jew, f'ċerti oqsma speċifiċi, jadottaw regoli nazzjonali aktar estensivi.

Huwa importanti li jiġi żgurat li tali regoli nazzjonali ma jintużawx mill-Istati Membri b'mod li jippreġudikaw il-funzjonament korrett tas-suq intern.

(58) F'ċerti oqsma taħt l-ambitu ta' dan ir-Regolament, il-Kunsill jeħtieġ aktar informazzjoni xjentifika, soċjali u ekonomika qabel ma jistabbilixxi regoli dettaljati b'mod partikolari fil-każ ta' ħut imrobbi fil-farms u dwar it-trażżin tal-ifrat permezz ta' inverżjoni. Konsegwentement, hu meħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi din l-informazzjoni lill-Kunsill qabel ma tipproponi kwalunkwe emenda f'dawk l-oqsma tar-Regolament.

(59) It-tqassim, il-kostruzzjoni u t-tagħmir tal-biċċeriji jeħtieġu ppjanar u investiment fit-tul. Għaldaqstant, dan ir-Regolament għandu jipprovdi għal perijodu transitorju adatt li għandu jieħu kont taż-żmien meħtieġ li jippermetti lill-industrija tadatta għar-rekwiżiti korrispondenti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Matul dan il-perijodu, ir-rekwiżiti tad-Direttiva 93/119/KE li huma applikabbli għat-tqassim, il-kostruzzjoni u t-tagħmir tal-biċċeriji għandhom ikomplu japplikaw.

(60) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u sabiex jiżguraw li jiġu implimentati. Dawk il-pieni għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

(61) Ladarba l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġi żgurat approċċ armonizzat fir-rigward ta' standards ta' trattament xieraq tal-annimali waqt il-qatla, ma jistax jinkiseb suffiċjentement mill-Istati Membri u, minħabba l-iskala u l-effetti ta' dan ir-Regolament, jista' għaldaqstant jinkiseb aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Konformement mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, huwa meħtieġ u kunsiljabbli għall-kisba ta' dak l-għan li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għall-qtil tal-annimali għall-produzzjoni tal-ikel, suf, ġilda, pil jew prodotti oħra u għal operazzjonijiet relatati. Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-għan.

(62) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati konformement mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni ([1]),

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

**SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET**

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-qtil ta' annimali mrobbija jew miżmuma għall-produzzjoni tal-ikel, suf, ġilda, pil jew prodotti oħra kif ukoll għall-qtil ta' annimali għall-fini tad-depopolazzjoni u għal operazzjonijiet relatati.

Madanakollu, rigward il-ħut, għandhom japplikaw biss ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 3(1).

2. Il-Kapitolu II, minbarra l-Artikolu 3(1) u (2) tiegħu, il-Kapitolu III u l-Kapitolu IV minbarra l-Artikolu 19 tiegħu, ma għandhomx japplikaw f'każ ta' qtil minħabba emerġenza barra minn biċċerija jew meta l-konformità ma' dawk id-dispożizzjonijiet tirriżulta f'riskju immedjat u serju għas-saħħa jew is-sikurezza tal-bniedem.

3. Dan ir-Regolament ma għandux japplika:

(a) meta l-annimali jinqatlu:

(i) waqt esperimenti xjentifiċi mwettqa taħt is-superviżjoni ta' awtorità kompetenti;

([1]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

(ii) waqt il-kaċċa jew attivitajiet tas-sajd rikreattiv;

(iii) waqt avvenimenti kulturali jew sportivi;

(b) tjur, fniek u liebri maqtula barra minn biċċerija mis-sid tagħhom għall-konsum domestiku privat tiegħu.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "qtil" tfisser kwalunkwe proċess ikkaġunat intenzjonalment li jikkawża l-mewt ta' annimal;

(b) "operazzjonijiet relatati" tfisser operazzjonijiet bħal immaniġġar, żamma, trażżin, sturdament u fsada tal-annimali li jseħħu fil-kuntest u fil-post fejn dawn ikunu sejrin jinqatlu;

(c) "annimal" tfisser kwalunkwe annimal vertebrat, għajr rettili u anfibji;

(d) "qtil minħabba emerġenza" tfisser il-qtil ta' annimali li huma feruti jew li għandhom marda assoċjata ma' uġigħ u sofferenza kbira u meta ma hemm l-ebda possibbiltà prattika oħra sabiex jittaffa dan l-uġigħ jew sofferenza;

(e) "żamma" tfisser iż-żamma ta' annimali fi stalel, maqjel, żoni jew għelieqi mgħottija assoċjati ma' jew li huma parti mill-operazzjonijiet ta' biċċeriji;

(f) "sturdament" tfisser kwalunkwe proċess ikkaġunat intenzjonalment li jikkawża t-telf tas-sensi u s-sensibbiltà mingħajr uġigħ, inkluż kwalunkwe proċess li jirriżulta f'mewta istantanja;

(g) "rit reliġjuż" tfisser serje ta' atti relatati mal-qatla ta' annimali u preskritti minn reliġjon;

(h) "avvenimenti kulturali jew sportivi" tfisser avvenimenti li huma essenzjalment u b'mod predominanti relatati ma' tradizzjonijiet kulturali jew attivitajiet sportivi li ilhom stabbiliti, inkluż it-tlielaq jew forom oħra ta' kompetizzjoni, fejn ma hemm l-ebda produzzjoni ta' laħam jew prodotti ta' annimali oħra jew fejn dik il-produzzjoni hija marġinali meta mqabbla mal-avveniment u mhijiex ekonomikament sinifikanti;

(i) "proċeduri operattivi standard" tfisser sett ta' struzzjonijiet bil-miktub immirati lejn il-kisba ta' uniformità tal-prestazzjoni ta' funzjoni jew standard speċifiku;

(j) "qatla" tfisser il-qtil ta' annimali maħsub għall-konsum tal-bniedem;

(k) "biċċerija" tfisser kwalunkwe stabbiliment użat għall-qatla ta' annimali tal-art li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(l) "operatur tan-negozju" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li jkollha taħt il-kontroll tagħha intrapriża li twettaq il-qtil ta' annimali jew kwalunkwe operazzjoni relatata li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament;

(m) "annimali tal-pil" tfisser annimali tal-ispeċi tal-mammiferi mrobbija primarjament għall-produzzjoni tal-pil tagħhom bħall-minks, polecats, volpijiet, rakkuni, kasturi tal-għadajjar u ċinċilla;

(n) "depopolazzjoni" tfisser il-proċess tal-qtil tal-annimali minħabba raġunijiet ta' saħħa pubblika, saħħa tal-annimali, trattament xieraq tal-annimali jew għal raġunijiet ambjentali taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti;

(o) "tjur" tfisser tjur imrobbija, inklużi tjur li mhumiex ikkunsidrati bħala tjur domestiċi iżda li huma mrobbija bħala annimali domestiċi, bl-eċċezzjoni tal-għasafar li ma jtirux;

(p) "trażżin" tfisser l-applikazzjoni lil xi annimal ta' kwalunkwe proċedura maħsuba biex trażżan il-movimenti tiegħu waqt li tiffrankalu uġigħ, biża' jew aġitazzjoni li jistgħu jiġu evitati sabiex tiffaċilita l-isturdament u l-qtil effettiv;

(q) "awtorità kompetenti" tfisser l-awtorità ċentrali ta' Stat Membru kompetenti biex tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jew kwalunkwe awtorità oħra li lilha tkun ġiet iddelegata din il-kompetenza mill-awtorità ċentrali;

(r) "enervazzjoni (pithing)" tfisser tiċrit tat-tessut nervuż ċentrali u tas-sinsla permezz ta' strument forma ta' virga mtawla mdaħħal fil-ħofra tal-kranju.

KAPITOLU II

**REKWIŻITI ĠENERALI**

*Artikolu 3*

**Rekwiżiti ġenerali għal qtil u operazzjonijiet relatati**

1. Waqt il-qatla u operazzjonijiet relatati, l-annimali għandhom jiġu protetti minn kwalunkwe uġigħ, stress jew tbatija li jistgħu jigu evitati.

2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1, l-operaturi tan-negozju, b'mod partikolari, għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-annimali:

(a) jiġu pprovduti b'kumdità fiżika u bi protezzjoni, b'mod partikolari billi jinżammu nodfa, f'kondizzjonijiet termali adegwati u li jkun evitat li jaqgħu jew jiżolqu;

(b) jiġu protetti minn korriment;

(c) jiġu mmaniġġati u miżmuma bil-konsiderazzjoni tal-imġiba normali tagħhom;

(d) ma jurux sinjali ta' uġigħ, biża' li jistgħu jiġu evitati jew juru imġiba oħra anormali;

(e) ma jgħaddux mingħajr għalf jew ilma għal tul ta' żmien;

(f) ma' jitħallewx jinteraġġixxu ma' annimali oħra li jistgħu jkunu ta' ħsara għall-protezzjoni tagħhom meta dan jista' jkun evitat.

3. Faċilitajiet użati għal qtil u operazzjonijiet relatati għandhom ikunu mfasslin, mibnija, miżmuma u mħaddma sabiex jiżguraw konformità mal-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 taħt il-kondizzjonijiet mistennija ta' attività tal-faċilità matul is-sena.

*Artikolu 4*

**Metodi ta' sturdament**

1. L-annimali għandhom jinqatlu biss wara sturdament konformement mal-metodi u r-rekwiżiti speċifiċi relatati mal-applikazzjoni ta' dawk il-metodi kif imniżżel fl-Anness I. It-telf tas-sensi u s-sensibbiltà għandhom jinżammu sal-mewt tal-annimal.

Il-metodi msemmija fl-Anness I li ma jirriżultawx f'mewta istantanja (minn hawn 'il quddiem imsejħa "sturdament sempliċi") għandhom ikunu segwiti kemm jista' jkun malajr possibbli bi proċedura li tiżgura l-mewt bħall-fsada, l-enervazzjoni (pithing), l-elettrokuzzjoni jew l-espożizzjoni mtawla għal anossija.

2. L-Anness I jista' jiġi emendat biex jieħu kont tal-progress xjentifiku u tekniku abbażi ta' opinjoni tal-EFSA u konformement mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 25(2).

Kwalunkwe emenda simili għandha tiżgura livell ta' trattament xieraq tal-annimali mill-inqas ekwivalenti għal dak żgurat mill-metodi eżistenti.

3. Jistgħu jiġu adottati linji gwida Komunitarji rigward il-metodi stabbiliti fl-Anness I konformement mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 25(2).

4. Fil-każ ta' annimali suġġetti għal metodi partikolari ta' qatla meħtieġa minn ċerti riti reliġjużi, ir-rekwiżiti tal-ewwel paragrafu m'għandhomx jiġu applikati bil-kondizzjoni li l-qatla issir f'biċċerija.

*Artikolu 5*

**Kontrolli ta' miżuri ta' sturdament**

1. L-operaturi tan-negozju għandhom jiżguraw li l-persuni responsabbli għall-isturdament jew persunal nominat ieħor iwettqu kontrolli regolari sabiex jiżguraw li l-annimali ma jippreżentawx sinjali ta' kuxjenza jew ta' sensibbiltà fil-perijodu bejn it-tmiem tal-proċess ta' sturdament u l-mewt.

Dawk il-kontrolli għandhom jitwettqu fuq kampjun ta' annimali rappreżentattiv biżżejjed u l-frekwenza tagħhom għandha tiġi stabbilita billi jittieħed kont tal-eżitu ta' kontrolli preċedenti u ta' kwalunkwe fattur li jista' jaffettwa l-effiċjenza tal-proċess ta' sturdament.

Meta l-eżitu tal-kontrolli jindika li annimal mhuwiex stordut b'mod adegwat, il-persuna inkarigata bl-isturdament għandha minnufih tieħu l-miżuri adegwati kif speċifikati fil-proċeduri operattivi standard imfasslin skont l-Artikolu 6(2).

2. Fejn, għall-finijiet tal-Artikolu 4(4), l-annimali jinqatlu mingħajr sturdament minn qabel, il-persuni responsabbli għall-qatla għandhom iwettqu kontrolli sistematiċi sabiex jiġi żgurat li l-annimali ma jippreżentaw l-ebda sinjal ta' kuxjenza jew sensibbiltà qabel ma jiġu rilaxxati mit-trażżin u ma jippreżentaw l-ebda sinjal ta' ħajja qabel ma jiġu preparati jew jinstamtu.

3. Għall-finijiet tal-paragrafi 1 u 2, l-operaturi tan-negozju jistgħu jużaw proċeduri ta' kontroll kif deskritti fil-gwidi għal prattika tajba msemmija fl-Artikolu 13.

4. Fejn ikun xieraq, sabiex jittieħed kont tal-livell għoli ta' affidabbiltà ta' ċerti metodi ta' sturdament u abbażi ta' opinjoni tal-EFSA, jistgħu jiġu adottati derogi mir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 konformement mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 25(2).

*Artikolu 6*

**Proċeduri operattivi standard**

1. L-operaturi tan-negozju għandhom jippjanaw il-qtil tal-annimali u operazzjonijiet relatati minn qabel u għandhom iwettquhom konformement mal-proċeduri operattivi standard.

2. L-operaturi tan-negozju għandhom ifasslu u jimplimentaw tali proċeduri operattivi standard sabiex jiżguraw li l-qtil u l-operazzjonijiet relatati jitwettqu konformement mal-Artikolu 3(1).

Fil-każ tal-isturdament, il-proċeduri operattivi standard għandhom:

(a) jieħdu kont tar-rakkomandazzjonijiet tal-manifatturi;

(b) għal kull metodu ta' sturdament użat, jiddefinixxu, abbażi ta' evidenza xjentifika disponibbli, il-parametri ewlenin imniżżlin fil-Kapitolu I tal-Anness I biex tiġi żgurata l-effettività tagħhom fl-isturdament tal-annimali.

(c) jispeċifikaw il-miżuri li għandhom jittieħdu meta l-kontrolli msemmija fl-Artikolu 5 jindikaw li l-annimal ma kienx stordut b'mod adegwat jew, fil-każ ta' annimali maqtula konformement mal-Artikolu 4(4), li l-annimal ikun għadu jippreżenta sinjali ta' ħajja.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-operaturi tan-negozju jistgħu jużaw proċeduri operattivi standard kif deskritti fil-gwidi għal prattika tajba msemmija fl-Artikolu 13.

4. L-operaturi tan-negozju għandhom jagħmlu l-proċeduri operattivi standard disponibbli għall-awtorità kompetenti għal kull meta dawn jitolbuhom.

*Artikolu 7*

**Livell u ċertifikat ta' kompetenza**

1. Il-qtil u operazzjonijiet relatati għandhom isiru biss minn persuni b'livell xieraq ta' kompetenza sabiex jagħmlu dan mingħajr ma jikkawżaw lill-annimali l-ebda uġigħ, stress żejjed jew tbatija li jistgħu jiġu evitati.

2. L-operaturi tan-negozju għandhom jiżguraw li l-operazzjonijiet tal-qatla li ġejjin jitwettqu biss minn persuni li għandhom ċertifikat ta' kompetenza għal dawn l-operazzjonijiet, kif previst fl-Artikolu 21, li juri l-kapaċità tagħhom biex iwettquhom konformement mar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament:

(a) l-immaniġġar u l-kura tal-annimali qabel ma jitrażżnu;

(b) it-trażżin tal-annimali għall-għanijiet ta' sturdament jew qtil;

(c) l-isturdament tal-annimali;

(d) il-valutazzjoni tal-effettività tal-isturdament;

(e) it-tixkil jew l-irfigħ ta' annimali ħajjin;

(f) il-fsada ta' annimali ħajjin;

(g) it-tbiċċir konformement mal-Artikolu 4(4).

3. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-qtil tal-annimali tal-pil għandu jitwettaq fil-preżenza u taħt is-superviżjoni diretta ta' persuna li għandha ċertifikat ta' kompetenza kif imsemmi fl-Artikolu 21 maħruġ għall-operazzjonijiet kollha mwettqa taħt is-superviżjoni tiegħu. L-operaturi tan-negozju ta' rziezet għat-trobbija ta' annimali tal-pil għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti minn qabel meta jridu jinqatlu xi annimali.

*Artikolu 8*

**Istruzzjonijiet għall-użu ta' tagħmir għat-trażżin jew għall-isturdament**

Il-prodotti kkummerċjalizzati jew irreklamati bħala tagħmir għat-trażżin jew għall-isturdament għandhom jinbiegħu biss meta jkunu akkumpanjati minn istruzzjonijiet adatti dwar l-użu tagħhom b'mod li jkunu żgurati l-aħjar kondizzjonijiet għat-trattament xieraq tal-annimali. Dawk l-istruzzjonijiet għandhom ikunu wkoll disponibbli pubblikament mill-manifatturi permezz tal-Internet.

Dawk l-istruzzjonijiet għandhom jispeċifikaw, b'mod partikolari:

(a) l-ispeċi, kategoriji, kwantitajiet u/jew piżijiet ta' annimali li għalihom huwa maħsub l-użu tat-tagħmir;

(b) il-parametri rakkomandati li jikkorrispondu għaċ-ċirkostanzi differenti ta' użu, inklużi l-parametri ewlenin imniżżla fil-Kapitolu 1 tal-Anness I;

(c) għat-tagħmir tal-isturdament, metodu għall-monitoraġġ tal-effikaċja tat-tagħmir fir-rigward tal-konformità mar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament;

(d) ir-rakkomandazzjonijiet għall-manutenzjoni u, fejn meħtieġ, il-kalibrar tat-tagħmir ta' sturdament.

*Artikolu 9*

**Użu ta' tagħmir għat-trażżin u l-isturdament**

1. L-operaturi tan-negozju għandhom jiżguraw li t-tagħmir kollu wżat għat-trażżin jew l-isturdament tal-annimali jinżamm u jiġi vverifikat konformement mal-istruzzjonijiet tal-manifatturi minn persuni mħarrġa speċifikament għal dak il-għan.

L-operaturi tan-negozju għandhom ifasslu reġistru tal-manutenzjoni. Dawn ir-reġistri għandhom jinżammu mill-operaturi mill-inqas sena u għandhom ikunu disponibbli għall-awtorità kompetenti meta jintalbu.

2. L-operaturi tan-negozju għandhom jiżguraw li waqt l-operazzjonijiet ta' sturdament, fuq il-post ikun disponibbli immedjatament tagħmir ta' riżerva adatt u dan għandu jintuża fil-każ li t-tagħmir ta' sturdament użat inizjalment ma jaħdimx. Il-metodu ta' riżerva jista' jkun differenti minn dak użat l-ewwel.

3. L-operaturi tan-negozju għandhom jiżguraw li l-annimali ma jitpoġġewx f'tagħmir għat-trażżin, inkluż it-trażżin tar-ras, sakemm il-persuna inkarigata bl-isturdament jew il-fsada tkun lesta sabiex tistordihom jew tafsadhom malajr kemm jista' jkun.

*Artikolu 10*

**Konsum domestiku privat**

Huma biss ir-rekwiżiti tal-Artikoli 3(1), 4(1) u 7(1) li għandhom japplikaw għall-qatla ta' annimali, li mhumiex tjur, fniek u liebri, u l-operazzjonijiet relatati li jsiru barra l-biċċerija mill-proprjetarju tagħhom jew minn persuna taħt ir-responsabbiltà u s-superviżjoni tal-proprjetarju għal konsum domestiku privat.

Madankollu, japplikaw ukoll ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15(3) u fil-punti 1.8 sa 1.11, 3.1 u, safejn hemm referenza għall-isturdament sempliċi, il-punt 3.2 tal-Anness III għandu japplika għall-qatla ta' annimali li mhumiex tjur, fniek u liebri, ħnieżer, ngħaġ u mogħoż li jsir barra l-biċċerija mill-proprjetarju tagħhom jew minn persuna taħt ir-responsabbiltà u s-superviżjoni tal-proprjetarju għal konsum domestiku privat.

*Artikolu 11*

**Forniment dirett ta' kwantitajiet żgħar ta' tjur, fniek u liebri**

1. Huma biss ir-rekwiżiti tal-Artikoli 3(1), 4(1) u 7(1) li għandhom japplikaw għall-qatla ta' tjur, fniek u liebri fl-azjenda agrikola għall-fini tal-forniment dirett ta' kwantitajiet żgħar ta' laħam mill-produttur lill-konsumatur aħħari jew lill-istabbilimenti lokali tal-bejgħ bl-imnut li jfornu dan il-laħam direttament bħala laħam frisk lill-konsumatur aħħari, dment li n-numru tal-annimali maqtula fl-azjenda agrikola ma jaqbiżx in-numru massimu ta' annimali li għandu jiġi stabbilit konformement mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 25(2).

2. Ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu II u III ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għall-qatla ta' dawn l-annimali meta n-numru tagħhom jaqbeż in-numru massimu msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 12*

**Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi**

Ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u III ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għall-finijiet tal-Artikolu 12(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 854/2004.

Iċ-ċertifikat tas-saħħa li jakkumpanja l-laħam importat minn pajjiżi terzi għandu jiġi supplimentat minn attestazzjoni li tiċċertifika li ġew sodisfatti r-rekwiżiti li tal-inqas huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-Kapitoli II u III ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 13*

**Żvilupp u disseminazzjoni ta' gwidi għal prattika tajba**

1. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-iżvilupp u d-disseminazzjoni ta' gwidi għal prattika tajba biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. Meta jitfasslu dawn il-gwidi għal prattika tajba, huma għandhom ikunu żviluppati u disseminati minn organizzazzjonijiet jew operaturi tan-negozju:

(a) f'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet nongovernattivi, l-awtoritajiet kompetenti u partijiet interessati oħrajn;

(b) b'kont meħud tal-opinjonijiet xjentifiċi kif imsemmija fl-Artikolu 20(1)(c).

3. L-awtorità kompetenti għandha tivvaluta l-gwidi għal prattika tajba sabiex tiżgura li jkunu ġew żviluppati konformement mal-paragrafu 2 u li huma konsistenti mal-linji gwida Komunitarji eżistenti.

4. Meta l-organizzazzjonijiet tal-operaturi tan-negozju ma jippreżentawx gwidi għal prattika tajba, l-awtorità kompetenti tista' tiżviluppa u tippubblika l-gwidi tagħha stess għal prattika tajba.

5. L-Istati Membri għandhom jibgħatu lill-Kummissjoni l-gwidi kollha għal prattika tajba vvalidati mill-awtorità kompetenti. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u tmexxi sistema ta' reġistrazzjoni għal dawn il-gwidi u tpoġġiha għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri.

KAPITOLU III

## REKWIŻITI ADDIZZJONALI APPLIKABBLI GĦALL-BIĊĊERIJI

*Artikolu 14*

### Tqassim, kostruzzjoni u tagħmir tal-biċċeriji

1. L-operaturi tan-negozju għandhom jiżguraw li t-tqassim u l-kostruzzjoni tal-biċċeriji u t-tagħmir użat fihom għandhom jikkonformaw mar-regoli stabbiliti fl-Anness II.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, u għal kull biċċerija, meta mitluba, l-operaturi tan-negozju għandhom jippreżentaw lill-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, tal-inqas dawn li ġejjin:

(a) in-numru massimu ta' annimali kull siegħa għal kull linja tal-qatla;

(b) il-kategoriji ta' annimali u l-piżijiet li għalihom jista' jintuża t-tagħmir disponibbli għat-trażżin jew għall-isturdament;

(c) il-kapaċità massima għal kull post ta' żamma temporanja.

L-awtorità kompetenti għandha tivvaluta l-informazzjoni ppreżentata mill-operatur konformement mal-ewwel subparagrafu meta tapprova l-biċċerija.

3. Dan li ġej jista' jiġi adottat konformement mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 25(2):

(a) derogi mir-regoli stabbiliti fl-Anness II għal biċċeriji mobbli;

(b) emendi meħtieġa għall-adattament tal-Anness II sabiex jittieħed kont tal-progress xjentifiku u tekniku.

Sakemm jiġu adottati d-derogi msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jitħallew jistabbilixxu jew iżommu r-regoli nazzjonali li japplikaw għall-biċċeriji mobbli.

4. Il-linji gwida Komunitarji għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u l-Anness II jistgħu jiġu adottati konformement mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 25(2).

*Artikolu 15*

### Operazzjonijiet ta' mmaniġġar u trażżin fil-biċċeriji

1. L-operaturi tan-negozju għandhom jiżguraw li jkun hemm konformità mar-regoli operattivi għall-biċċeriji stabbiliti fl-Anness III.

2. L-operaturi tan-negozju għandhom jiżguraw li l-annimali kollha li jinqatlu konformement mal-Artikolu 4(4) mingħajr sturdament minn qabel ikunu mrażżna individwalment; ir-ruminanti għandhom jitrażżnu mekkanikament.

Ma għandhomx jintużaw sistemi li jrażżnu lill-annimali bovini permezz tal-inversjoni jew kwalunkwe pożizzjoni mhux naturali minbarra fil-każ ta' annimali maqtula konformement mal-Artikolu 4(4) u bil-kondizzjoni li jkunu mgħammra b'apparat li jrażżan kemm il-moviment laterali kif ukoll dak vertikali tar-ras tal-annimal li jista' jiġi aġġustat biex ikun adattat għad-daqs tal-annimal.

3. Il-metodi ta' trażżin li ġejjin għandhom ikunu projbiti:

(a) id-dendil jew l-irfigħ ta' annimali f'sensihom;

(b) it-trażżin mekkaniku jew l-irbit tar-riġlejn jew tas-saqajn tal-annimali;

(c) il-qtugħ tan-nerv li jgħaddi minn ġos-sinsla, pereżempju bl-użu ta' puntilla jew stallett;

(d) l-użu ta' kurrent elettriku sabiex jiġi immobilizzat l-annimal, li ma jistordihx jew ma joqtlux taħt ċirkostanzi kkontrollati, b'mod partikolari, kwalunkwe applikazzjoni ta' kurrent elettriku li ma jasalx sal-moħħ.

Madanakollu, l-punti (a) u (b) ma għandhomx japplikaw għall-qajd użat għat-tjur.

4. Bil-għan li jittieħed kont tal-progress xjentifiku u tekniku, inkluża opinjoni tal-EFSA, l-Anness III jista' jiġi emendat konformement mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 25(2).

5. Il-linji gwida Komunitarji għall-implimentazzjoni tar-regoli stabbiliti fl-Anness III jistgħu jiġu adottati konformement mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 25(2).

*Artikolu 16*

**Monitoraġġ ta' proċeduri fil-biċċeriji**

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 5, l-operaturi tan-negozju għandhom jistabbilixxu u jimplimentaw proċeduri tal-monitoraġġ adatti fil-biċċeriji.

2. Il-proċeduri ta' monitoraġġ imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiddeskrivu l-mod kif għandhom jitwettqu l-kontrolli msemmija fl-Artikolu 5 u għandhom jinkludu tal-inqas dan li ġej:

(a) l-isem tal-persuni responsabbli għall-proċedura ta' monitoraġġ;

(b) l-indikaturi mfasslin sabiex jikxfu sinjali ta' telf mis-sensi u ta' koxjenza jew sensibbiltà fl-annimali; l-indikaturi mfasslin sabiex jikxfu n-nuqqas ta' sinjali ta' ħajja fl-annimali maqtula konformement mal-Artikolu 4(4);

(c) il-kriterji sabiex jiġi determinat jekk ir-riżultati murija mill-indikaturi msemmija fil-punt (b) humiex sodisfaċenti;

(d) iċ-ċirkostanzi u/jew il-ħin meta l-monitoraġġ għandu jseħħ;

(e) in-numru ta' annimali f'kull kampjun li għandhom jiġu kkontrollati matul il-monitoraġġ;

(f) il-proċeduri adatti sabiex ikun żgurat li fil-każ li l-kriterji msemmija fil-punt (c) ma jiġux soddisfatti, issir reviżjoni tal-operazzjoni tal-isturdament jew tal-qtil sabiex jiġu identitifkati l-kawżi ta' kwalunkwe nuqqas u l-bidliet meħtieġa li għandhom isiru lil dawk l-operazzjonijiet.

3. L-operaturi tan-negozju għandhom jistabbilixxu proċedura ta' monitoraġġ speċifika għal kull linja tal-qatla.

4. Il-frekwenza tal-kontrolli tal-monitoraġġ għandhom jieħdu kont tal-fatturi tar-riskju prinċipali, bħall-bidliet rigward it-tipi jew id-daqs ta' annimali maqtul jew il-mudelli ta' ħidma tal-persunal u għandhom jiġu stabbiliti sabiex jiżguraw riżultati b'livell għoli ta' fiduċja.

5. Għall-finijiet tal-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu, l-operaturi tan-negozju jistgħu jużaw proċeduri ta' monitoraġġ kif deskritti fil-gwidi għal prattika tajba msemmija fl-Artikolu 10 a).

6. Il-linji gwida Komunitarji rigward il-proċeduri ta' monitoraġġ fil-biċċeriji jistgħu jiġu adottati konformement mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 25(2).

*Artikolu 17*

**Uffiċjal għat-trattament xieraq tal-annimali**

1. L-operaturi tan-negozju għandhom jaħtru uffiċjal għat-trattament xieraq tal-annimali għal kull biċċerija biex jassistihom fl-iżgurar tal-konformità mar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament.

2. L-uffiċjal għat-trattament xieraq tal-annimali għandu jirrapporta direttament lill-operatur tan-negozju u għandu jirrapporta direttament lilu/lilha dwar kwistjonijiet relatati mat-trattament xieraq tal-annimali. Hu għandu jkun f'pożizzjoni li jitlob li l-persunal tal-biċċerija jwettaq kwalunkwe azzjoni ta' rimedju li tkun meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament.

3. Ir-responsabbiltajiet tal-uffiċjal għat-trattament xieraq tal-annimali għandhom jiġu stabbiliti fil-proċeduri operattivi standard tal-biċċeriji u jinġiebu effettivament għall-attenzjoni tal-persunal konċernat.

4. L-uffiċjal għat-trattament xieraq tal-annimali għandu jkollu ċertifikat ta' kompetenza kif imsemmi fl-Artikolu 18, maħruġ għall-operazzjonijiet kollha li jseħħu fil-biċċeriji li għalihom huwa jew hija j/tkun responsabbli.

5. L-uffiċjal għat-trattament xieraq tal-annimali għandu jżomm rekord tal-azzjoni li ttieħdet biex jittejjeb it-trattament xieraq tal-annimali fil-biċċerja li fiha huwa/hija jwettaq/twettaq il-kompiti tiegħu/tagħha. Dan ir-rekord għandu jinżamm mill-inqas sena u għandu jkun disponibbli għall-awtorità kompetenti meta jintalab.

6. Il-paragrafi 1 sa 5 ma għandhomx japplikaw għal biċċeriji li joqtlu inqas minn 1 000 unità ta' bhejjem ta' mammiferi jew 150 000 għasfur jew fenek kull sena.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-“unità ta’ bhejjem” tfisser unità ta’ kejl standard li tippermetti l-aggregazzjoni tad-diversi kategoriji ta’ bhejjem sabiex ikunu jistgħu jiġu pparagunati.

Fl-applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri għandhom jużaw ir-rati ta’ konverżjoni li ġejjin:

(a) annimali bovini adulti fis-sens tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]) u ekwidi: 1 unità ta’ bhejjem;

(b) annimali bovini oħra; 0,50 unità ta’ bhejjem;

(c) ħnieżer b’piż meta ħajjin ta’ aktar minn 100 kg: 0,20 unità ta’ bhejjem;

(d) ħnieżer oħra: 0,15 unità ta’ bhejjem;

(e) nagħaġ u mogħoż: 0,10 unità ta’ bhejjem;

(f) ħrief, gidjiet u ħannus b’piż meta ħajjin ta’ inqas minn 15 kg: 0,05 unità ta’ bhejjem.

KAPITOLU IV

## DEPOPOLAZZJONI U QTIL MINĦABBA EMERĠENZA

*Artikolu 18*

### Depopolazzjoni

1. L-awtorità kompetenti responsabbli għal operazzjoni ta’ depopolazzjoni għandhom jistabbilixxu pjan ta’ azzjoni sabiex jiżguraw il-konformità mar-regoli stabbiliti f’dan ir-Regolament, qabel il-bidu tal-operazzjoni.

B’mod partikolari, il-metodi ta’ sturdament u ta’ qtil ippjanati u l-proċeduri operattivi standard korrispondenti sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli stabbiliti f’dan ir-Regolament, għandhom jiġu inklużi fil-pjanijiet ta’ kontinġenza meħtieġa skont il-liġi Komunitarja dwar is-saħħa tal-annimali, abbażi tal-ipoteżi stabbilita fil-pjan ta’ kontinġenza dwar id-daqs u l-post ta’ fejn suppost faqqgħet il-marda.

2. L-awtorità kompetenti għandha:

(a) tiżgura li tali operazzjonijiet jitwettqu konformement mal-pjan ta’ azzjoni msemmi fil-paragrafu 1;

(b) tieħu kwalunkwe azzjoni adatta sabiex jiġi salvagwardat it-trattament xieraq tal-annimali fl-aħjar kondizzjonijiet disponibbli.

3. Għall-għanijiet ta’ dan l-Artikolu u f’ċirkostanzi eċċezzjonali, l-awtorità kompetenti tista’ tagħti derogi minn waħda jew aktar mid-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament meta tikkunsidra li huwa probabbli li l-konformità tkun ser taffettwa s-saħħa tal-bniedem jew tnaqqas b’mod sinifikanti l-proċess ta’ qerda ta’ marda.

4. Sat-30 ta’ Ġunju ta’ kull sena, l-awtorità kompetenti msemmija fil-paragrafu 1 għandha titrasmetti lill-Kummissjoni rapport dwar l-operazzjonijiet ta’ depopolazzjoni mwettqa matul is-sena preċedenti u tagħmlu disponibbli pubblikament permezz tal-Internet.

Fir-rigward ta’ kull operazzjoni ta’ depopolazzjoni, ir-rapport għandu jinkludi partikolarment:

(a) ir-raġunijiet għad-depopolazzjoni;

(b) in-numru u l-ispeċi tal-annimali maqtula;

(c) il-metodi tal-isturdament u tal-qtil użati;

(d) deskrizzjoni tad-diffikultajiet li ltaqgħu magħhom u, fejn ikun xieraq, is-soluzzjonijiet misjuba sabiex tittaffa jew titnaqqas it-tbatija tal-annimali kkonċernati;

(e) kwalunkwe deroga mogħtija konformement mal-paragrafu 3.

5. Il-linji gwida Komunitarji għall-abbozzar u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta’ azzjoni tad-depopolazzjoni jistgħu jiġu adottati konformement mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 25(2).

6. Fejn ikun xieraq, sabiex jittieħed kont tal-informazzjoni miġbura mill-ADNS, tista’ tiġi adotatta deroga mill-obbligu ta’ rappurtar stabbilit fil-paragrafu 4 ta’ dan l-Artikolu, konformement mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 25(2).

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

*Artikolu 19*

**Qtil minħabba emerġenza**

Fil-każ ta' qtil minħabba emerġenza, min iżomm l-annimali kkonċernati għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex joqtol l-annimal malajr kemm jista' jkun.

KAPITOLU V

**AWTORITÀ KOMPETENTI**

*Artikolu 20*

**Appoġġ xjentifiku**

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li hu disponibbli appoġġ xjentifiku indipendenti biżżejjed biex jassisti lill-awtoritajiet kompetenti, fuq talba tagħhom, billi jipprovdi:

(a) kompetenza xjentifika u teknika relatata mal-approvazzjoni ta' biċċeriji kif imsemmi fl-Artikolu 11(2) u l-iżvilupp ta' metodi ġodda ta' sturdament;

(b) opinjonijiet xjentifiċi dwar l-istruzzjonijiet ipprovduti mill-manifatturi dwar l-użu u l-manutenzjoni ta' tagħmir għat-trażżin u sturdament;

(c) opinjonijiet xjentifiċi dwar gwidi ta' prattika tajba żviluppata fit-territorju tiegħu għall-finijiet ta' dan ir-Regolament;

(d) rakkomandazzjonijiet għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, partikolarment fir-rigward ta' spezzjonijiet u verifiki;

(e) opinjonijiet dwar il-kapaċità u l-adegwatezza ta' korpi u entitajiet separati sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 21(2).

2. L-appoġġ xjentifiku jista' jiġi pprovdut permezz ta' netwerk, bil-kondizzjoni li l-kompiti kollha elenkati fil-paragrafu 1 li qegħdin jitwettqu fir-rigward tal-attivitajiet rilevanti kollha li jseħħu fl-Istati Membri kkonċernati.

Għal dan il-għan, kull Stat Membru għandu jidentifika punt ta' kuntatt uniku u jagħmlu disponibbli għall-pubbliku permezz tal-Internet. Dan il-punt ta' kuntatt għandu jkun risponsabbli għall-iskambju ta' informazzjoni teknika u xjentifika u l-aħjar prattika fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament mal-kontropartijiet tiegħu u mal-Kummissjoni.

*Artikolu 21*

**Ċertifikat ta' kompetenza**

1. Għall-għanijet tal-Artikolu 7, l-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità kompetenti responsabbli għal:

(a) l-iżgurar li jkun hemm korsijiet ta' taħriġ disponibbli għall-persunal involut fil-qtil u f'operazzjonijiet relatati;

(b) it-tqassim ta' ċertifikati ta' kompetenza li juru li wieħed ikun għadda b'suċċess minn eżami finali indipendenti; is-suġġetti ta' dan l-eżami għandhom ikunu rilevanti għall-kategoriji tal-annimali kkonċernati u għandhom jikkorrispondu għall-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7(2) u (3), u għas-suġġetti stabbiliti fl-Anness IV;

(c) l-approvazzjoni ta' programmi ta' taħriġ tal-korsijiet imsemmijin fil-punt (a) u l-kontenut u l-modalitajiet tal-eżami msemmi fil-punt (b).

2. L-awtorità kompetenti tista' tiddelega l-eżami finali u l-ħruġ ta' ċertifikat ta' kompetenza lil korp separat jew lil entità li:

(a) għandhom il-kompetenza, il-persunal u t-tagħmir meħtieġ sabiex jagħmlu dan;

(b) huma indipendenti u ħielsa minn kwalunkwe kunflitt ta' interess fir-rigward tal-eżami finali u l-ħruġ taċ-ċertifikati ta' kompetenza.

L-awtorità kompetenti tista' wkoll tiddelega l-organizzazzjoni tal-korsijiet ta' taħriġ lil korp jew lil entità separata li għandha l-kompetenza, il-persunal u t-tagħmir meħtieġ biex tagħmel dan.

Id-dettalji tal-korpi u l-entitajiet li ġew iddelegati dawn il-kompiti għandhom ikunu disponibbli pubblikament mill-awtorità kompetenti permezz tal-Internet.

3. Iċ-ċertifikati ta' kompetenza għandhom jindikaw għal liema kategoriji ta' annimali, it-tip ta' tagħmir u għal liema mill-operazzjonijiet elenkati fl-Artikolu 7(2) jew (3) huwa validu ċ-ċertifikat.

4. L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu ċ-ċertifikati ta' kompetenza maħruġin fi Stat Membru ieħor.

5. L-awtorità kompetenti tista' toħroġ ċertifikati ta' kompetenza temporanji bil-kondizzjoni li:

(a) l-applikant hu rreġistrat f'wieħed mill-korsijiet ta' taħriġ imsemmijin fil-paragrafu 1(a);

(b) l-applikant ser jaħdem fil-preżenza u taħt is-superviżjoni diretta ta' persuna oħra li għandha ċertifikat ta' kompetenza maħruġ għall-attività speċifika li ser titwettaq;

(c) il-validità taċ-ċertifikat temporanju ma taqbiżx tliet xhur; u

(d) l-applikant jipprovdi dikjarazzjoni bil-miktub li tgħid li hu ma kienx ingħata ċertifikat temporanju ta' kompetenza ieħor preċedentement tal-istess ambitu jew juri għas-sodisfazzjoni tal-awtorità kompetenti li hu ma setax jagħmel l-eżami finali.

6. Mingħajr preġudizzju għal deċiżjoni minn awtorità ġudizzjarja jew minn awtorità kompetenti li tipprojbixxi l-kuntatt fiżiku mal-annimali, iċ-ċertifikati ta' kompetenza, inkluż ċertifikat temporanju ta' kompetenza, għandu jinħareġ biss jekk l-applikant jipprovdi dikjarazzjoni bil-miktub li tgħid li hu ma wettaq l-ebda ksur serju ta' liġi Komunitarja u/jew liġi nazzjonali dwar il-protezzjoni tal-annimali fit-tliet snin ta' qabel id-data tal-applikazzjoni għal tali ċertifikat. 5.

7. L-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu l-kwalifiki miksuba għal għanijiet oħrajn bħala ekwivalenti għaċ-ċertifikati ta' kompetenza għall-finijiet ta' dan ir-Regolament bil-kondizzjoni li huma jkunu nkisbu taħt kondizzjonijiet ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'dan l-Artikolu. Permezz tal-Internet, l-awtorità kompetenti għandha tagħmel pubblikament disponibbli u żżomm aġġornata, lista ta' kwalifiki rikonoxxuti bħala ekwivalenti għaċ-ċertifikat ta' kompetenza.

8. Il-linji gwida Komunitarji għall-applikazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jistgħu jiġi adottati konformement mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 25(2).

KAPITOLU VI

## NUQQAS TA' KONFORMITÀ, PIENI U POTERI IMPLIMENTATTIVI

*Artikolu 22*

### Nuqqas ta' konformità

1. Għall-għan tal-Artikolu 54 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, l-awtorità kompetenti tista' b'mod partikolari:

(a) teħtieġ li l-operaturi tan-negozju jemendaw il-proċeduri operattivi standard tagħhom u b'mod partikolari jnaqqsu jew iwaqqfu l-produzzjoni;

(b) teħtieġ li l-operaturi tan-negozju jżidu l-frekwenza tal-kontrolli msemmija fl-Artikolu 5 u temenda l-proċeduri ta' monitoraġġ imsemmijin fl-Artikolu 16;

(c) tissospendi jew tirtira ċertifikati ta' kompetenza maħruġin skont dan ir-Regolament minn persuna li ma għadhiex turi kompetenza, konoxxenza jew konoxxenza biżżejjed tal-kompiti tagħha biex twettaq l-operazzjonijiet li għalihom inħareġ iċ-ċertifikat;

(d) tissospendi jew tirtira d-delega tas-setgħa imsemmi fl-Artikolu 21(2);

(e) teħtieġ l-emenda tal-istruzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 8 b'rispett dovut għall-opinjonijiet xjentifiċi previsti skont l-Artikolu 20(1)(b).

2. Meta awtorità kompetenti tissospendi jew tirtira ċertifikat ta' kompetenza, hija għandha tinforma lill-awtorità kompetenti li qed tagħti ċ-ċertifikat bid-deċiżjoni tagħha.

*Artikolu 23*

### Pieni

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u disważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sal-1 ta' Jannar 2013 u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda li taffettwahom.

*Artikolu 24*

### Regoli implimentattivi

Kwalunkwe regola dettaljata meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament tista' tiġi adottata skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 25(2).

*Artikolu 25*

### Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kumitat għandu jkun assistit mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali, stabbilit permezz tal-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perijodu li hemm referenza għalih fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi stabbilit għal tliet xhur.

KAPITOLU VII

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 26*

**Regoli nazzjonali aktar stretti**

1. Dan ir-Regolament m'għandux jimpedixxi lill-Istati Membri milli jżommu regoli nazzjonali li għandhom l-għan li jiżguraw protezzjoni aktar estensiva tal-annimali waqt il-qatla, li jkunu fis-seħħ mad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Qabel l-1 ta' Jannar 2013, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar tali regoli nazzjonali. Il-Kummissjoni għandha tiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri l-oħra dwar dawn.

2. L-Istati Membri jistgħu jadottaw regoli nazzjonali mmirati biex tiġi żgurata l-protezzjoni aktar estensiva tal-annimali waqt il-qatla minn dawk li jinsabu f'dan ir-Regolament fir-rigward tal-oqsma li ġejjin:

(a) il-qtil u l-operazzjonijiet relatati ta' annimali barra minn biċċerija;

(b) il-qatla u l-operazzjonijiet relatati ta' tjur imrobbija kif definit fil-punt 1.6 tal-Anness I tar-Regolament (EK) Nru 853/2004, inklużi ċ-ċriev;

(c) il-qatla u l-operazzjonijiet relatati ta' annimali konformement mal-Artikolu 4(2).

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'tali regoli nazzjonali. Il-Kummissjoni għandha tiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri l-oħra dwar dawn.

3. Fejn abbażi ta' prova xjentifika ġdida, Stat Membru jqis li hu meħtieġ li jieħu miżuri mmirati biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-annimali iktar estensiva waqt il-qatla fir-rigward tal-metodi ta' sturdament imsemmija fl-Anness I, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar il-miżuri previsti. Il-Kummissjoni għandha tiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri l-oħra dwar dawn.

Il-Kummissjoni għandha tressaq il-kwistjoni quddiem il-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 25(1) fi żmien xahar min-notifika u għandha, abbażi ta' opinjoni tal-EFSA u konformement mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 25(2), tapprova jew tirrifjuta l-miżuri nazzjonali involuti.

Fejn il-Kummissjoni jidhrilha adatt, hija tista' abbażi tal-miżuri nazzjonali approvati, tipproponi emendi għall-Anness I konformement mal-Artikolu 4(4).

4. Stat Membru ma għandux jipprojbixxi jew jimpedixxi t-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni, fit-territorju tiegħu, ta' prodotti li ġejjin minn annimali li nqatlu fi Stat Membru ieħor għar-raġunijiet li l-annimali kkonċernati ma nqatlux konformement mar-regoli nazzjonali tiegħu mmirati lejn protezzjoni tal-annimali aktar estensiva waqt il-qatla.

*Artikolu 27*

**Rappurtar**

1. Mhux aktar tard mit-8 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-possibbiltà li jiġu introdotti ċerti rekwiżiti rigward il-protezzjoni tal-ħut waqt il-qatla b'kont meħud tal-aspetti tat-trattament xieraq tal-annimali kif ukoll l-impatti soċjo-ekonomiċi u ambjentali. Dan ir-rapport għandu jiġi akkumpanjat, jekk ikun xieraq, minn proposti leġislattivi bil-ħsieb li jiġi emendat dan ir-Regolament bl-inklużjoni ta' regoli speċifiċi rigward il-protezzjoni tal-ħut waqt il-qatla.

Sa meta jiġu adottati dawn il-miżuri, l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jadottaw regoli nazzjonali rigward il-protezzjoni tal-ħut waqt il-qatla jew il-qtil u għandhom jinfurmaw b'dan lill-Kummissjoni.

2. Mhux aktar tard mit-8 ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar is-sistemi li jrażżnu lill-annimali bovini b'inverżjoni jew kwalunkwe pożizzjoni mhux naturali. Dan ir-rapport għandu jkun ibbażat fuq ir-riżultati ta' studju xjentifiku li jqabbel dawn is-sistemi ma' dawk li jżommu lill-bovini f'pożizzjoni wieqfa u għandu jieħu kont tal-aspetti tat-trattament xieraq tal-annimali kif ukoll tal-implikazzjonijiet soċjo-ekonomiċi, inkluż jekk humiex aċċettabbli għall-komunitajiet reliġjużi u s-sikurezza tal-operaturi. Dan ir-rapport għandu jiġi akkumpanjat, jekk adatt, minn proposti leġislattivi bil-ħsieb li jiġi emendat dan ir-Regolament fir-rigward tas-sistemi li jrażżnu lill-annimali bovini b'inverżjoni jew kwalunkwe pożizzjoni mhux naturali.

3. Mhux aktar tard mit-8 ta' Diċembru 2013, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar id-diversi metodi ta' sturdament għat-tjur, l-annimali selvaġġi u b'mod partikolari l-isturdamenti tat-tjur fil-banjijiet multipli, b'kont meħud tal-aspetti tat-trattament xieraq tal-annimali, kif ukoll l-impatti soċjo-ekonomiċi u ambjentali.

*Artikolu 28*

**Tħassir**

1. Id-Direttiva 93/119/KEE hija b'dan imħassra.

Madankollu, għall-għanijiet tal-Artikolu 29(1) ta' dan ir-Regolament, id-dispożizzjonijet li ġejjin tad-Direttiva 93/119/KEE għandhom jibqgħu japplikaw:

(a) fl-Anness A:

(i) il-paragrafu 1 tat-Taqsima I;

(ii) il-paragrafu 1 u t-tieni sentenza tal-paragrafu 3 u tal-paragrafi 6, 7, 8 u l-ewwel sentenza tal-paragrafu 9 tat-Taqsima II;

(b) fl-Anness C, il-paragrafi 3.A.2, l-ewwel subparagrafu ta' 3.B.1, 3.B.2, 3.B.4 u l-paragrafi 4.2 u 4.3 tat-Taqsima II.

2. Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 29*

**Dispożizzjonijiet transitorji**

1. Sat-8 ta' Diċembru 2019, l-Artikolu 14(1) għandu japplika biss għal biċċeriji ġodda jew għal kwalunkwe tqassim, kostruzzjoni jew tagħmir ġdid kopert mir-regoli stabbiliti fl-Anness II, li ma daħlux fis-seħħ qabel l-1 ta' Jannar 2013.

2. Sat-8 ta' Diċembru 2015, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu sabiex jinħarġu ċertifikati ta' kompetenza, permezz ta' proċedura simplifikata, kif imsemmi fl-Artikolu 21, lil persuni li juru esperjenza professjonali rilevanti ta' mill-inqas tliet snin.

*Artikolu 30*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Settembru 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. OLOFSSON

*ANNESS I*

**LISTA TA' METODI TA' STURDAMENT U SPEĊIFIKAZZJONIJIET RELATATI**

(kif imsemmi fl-Artikolu 4)

KAPITOLU I

**Metodi**

*Tabella 1 — Metodi mekkaniċi*

| Nru | Isem | Deskrizzjoni | Kondizzjonijiet għall-użu | Parametri ewlenin | Rekwiżiti speċifiċi għal ċerti metodi - Kapitolu II ta' dan l-Anness |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Apparat ta' captive bolt penetranti | Ħsara severa u irreversibbli tal-moħħ ikkawżata mix-xokk u mill-penetrazzjoni ta' captive bolt.<br><br>Sturdament sempliċi. | L-ispeċi kollha.<br><br>Qatla, depopolazzjoni u sitwazzjonijiet oħrajn | Pożizzjoni u direzzjoni tal-isparatura.<br><br>Veloċità, tul tal-ħruġ u dijametru tal-balla u tul adatti skont id-daqs u l-ispeċi tal-annimal.<br><br>Intervall jew intervalli (f'sekondi) stun-to-stick/kill massimi. | Mhux applikabbli |
| 2 | Apparat ta' captive bolt mhux penetranti | Ħsara severa lill-moħħ ikkawżata mix-xokk ta' captive bolt mingħajr penetrazzjoni.<br><br>Sturdament sempliċi. | Ruminanti, tjur, fniek u liebri.<br><br>Il-qatla tar-ruminanti biss<br><br>Waqt il-qatla, depopolazzjoni u sitwazzjonijiet oħrajn għat-tjur, il-fniek u l-liebri. | Pożizzjoni u direzzjoni tal-isparatura.<br><br>Veloċità, dijametru u forma tal-balla u tul adatti skont id-daqs u l-ispeċi tal-annimal.<br><br>Is-saħħa tal-iskartoċċ użat<br><br>Intervall jew intervalli (f'sekondi) stun-to-stick/kill massimi. | Punt 1. |
| 3 | Arma tan-nar bil-balla | Ħsara severa u irreversibbli lill-moħħ ikkawżata mix-xokk u mill-penetrazzjoni ta' projettili wieħed jew aktar. | L-ispeċi kollha.<br><br>Waqt il-qatla, depopolazzjoni u sitwazzjonijiet oħrajn | Il-pożizzjoni tal-isparatura.<br><br>Is-saħħa u l-kalibru tal-iskartoċċ.<br><br>Tip ta' balla | Mhux applikabbli |
| 4 | Maċerazzjoni | Tgħaffiġ immedjat tal-annimal kollu. | Flieles sa 72 siegħa u embrijuni tal-bajd.<br><br>Is-sitwazzjonijiet kollha minbarra l-qatla | Daqs massimu tal-kwantità li għandha tiġi introdotta.<br><br>Distanza bejn ix-xfafar u veloċità ta' rotazzjoni<br><br>Kejl sabiex ma jkunx kemm tagħbija żejda. | Punt 2. |
| 5 | Żlogatura ċervikali | Tiġbid u tidwir manwali jew mekkaniku tal-għonq li jirriżultaw f'iskemja ċerebrali. | Tjur b'piż meta ħajjin sa ħames kg.<br><br>Waqt il-qatla, depopolazzjoni u sitwazzjonijiet oħrajn | Mhux applikabbli | Punt 3. |

| Nru | Isem | Deskrizzjoni | Kondizzjonijiet għall-użu | Parametri ewlenin | Rekwiżiti speċifiċi għal ċerti metodi - Kapitolu II ta' dan l-Anness |
|---|---|---|---|---|---|
| 6 | Daqqa rapida lir-ras | Daqqa soda u preċiża lir-ras li tipprovoka ħsara severa lill-moħħ | Ħannus, ħrief, gidjiet, fniek, liebri, annimali tal-pil u tjur b'piż meta ħajjin sa 5 kg.<br><br>Waqt il-qatla, depopolazzjoni u sitwazzjonijiet oħrajn | Is-saħħa u l-post fejn tingħata d-daqqa. | Punt 3. |

*Tabella 2 — Metodi elettriċi*

| Nru | Isem | Deskrizzjoni | Kondizzjonijiet għall-użu | Parametri ewlenin | Rekwiżiti speċifiċi tal-Kapitolu II ta' dan l-Anness |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Sturdament bl-elettriku tar-ras biss | L-esponiment tal-moħħ għal kurrent li jiġġenera forma epilettika ġeneralizzata fuq l-Electro-Encephalogram (EEG).<br><br>Sturdament sempliċi. | L-ispeċi kollha.<br><br>Waqt il-qatla, depopolazzjoni u sitwazzjonijiet oħrajn | Kurrent minimu (A jew mA).<br><br>Vultaġġ minimu (V).<br><br>Frekwenza massima (Hz).<br><br>Ħin minimu ta' esponiment.<br><br>Intervall jew intervalli (f'sekondi) stun-to-stick/kill massimi.<br><br>Frekwenza tal-kalibrar tat-tagħmir.<br><br>L-aħjar użu tal-fluss tal-kurrent.<br><br>Prevenzjoni ta' xokkijiet elettriċi qabel l-isturdament.<br><br>Pożizzjoni u wesgħa tal-wiċċ ta' kuntatt tal-elettrodi. | Punt 4. |
| 2 | Sturdament bl-elettriku mir-ras għall-ġisem | L-esponiment tal-ġisem għal kurrent li fl-istess ħin jiġġenera forma epilettika ġeneralizzata fuq l-EEG u l-fibrillazzjoni jew il-waqfien tal-qalb.<br><br>Sturdament sempliċi f'każ ta' qatla. | L-ispeċi kollha.<br><br>Waqt il-qatla, depopolazzjoni u sitwazzjonijiet oħrajn | Kurrent minimu (A jew mA).<br><br>Vultaġġ minimu (V).<br><br>Frekwenza massima (Hz).<br><br>Ħin minimu ta' esponiment.<br><br>Frekwenza tal-kalibrar tat-tagħmir.<br><br>L-aħjar użu tal-fluss tal-kurrent.<br><br>Prevenzjoni ta' xokkijiet elettriċi qabel l-isturdament.<br><br>Pożizzjoni u wesgħa tal-wiċċ ta' kuntatt tal-elettrodi.<br><br>Intervall jew intervalli stun-to-stick massimi f'każ ta' sturdament sempliċi. | Punt 5. |

| Nru | Isem | Deskrizzjoni | Kondizzjonijiet għall-użu | Parametri ewlenin | Rekwiżiti speċifiċi tal-Kapitolu II ta' dan l-Anness |
|---|---|---|---|---|---|
| 3 | Banju tal-ilma li minnu jgħaddi l-elettriku | L-esponiment tal-ġisem kollu għal kurrent elettriku li jiġġenera forma epilettika ġeneralizzata fuq l-EEG u possibilment il-fibrillazzjoni jew il-waqfien tal-qalb permezz ta' banju tal-ilma.<br><br>Sturdament sempliċi minbarra meta l-frekwenza hija ugwali għal jew inqas minn 50 Hz. | Tjur.<br><br>Waqt il-qatla, depopolazzjoni u sitwazzjonijiet oħrajn | Kurrent minimu (A jew mA).<br><br>Vultaġġ minimu (V).<br><br>Frekwenza massima (Hz).<br><br>Frekwenza tal-kalibrar tat-tagħmir.<br><br>Prevenzjoni ta' xokkijiet elettriċi qabel l-isturdament.<br><br>Tnaqqis tal-uġigħ waqt l-irbit.<br><br>L-aħjar użu tal-fluss tal-kurrent.<br><br>Id-dewmien massimu tal-irbit qabel il-banju tal-ilma.<br><br>Ħin minimu ta' esponiment għal kull annimal.<br><br>Immersjoni tat-tjur sal-parti t'isfel tal-ġwienaħ.<br><br>Intervall jew intervalli stun-to-stick/kill massimi għal frekwenza ta' aktar minn 50 Hz (f'sekondi). | Punt 6. |

*Tabella 3 — Metodi bil-gass*

| Nru | Isem | Deskrizzjoni | Kondizzjonijiet għall-użu | Parametri ewlenin | Rekwiżiti speċifiċi tal-Kapitolu II ta' dan l-Anness |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Konċentrazzjonijiet għoljin ta' dijossidu tal-karbonju | L-esponiment dirett jew progressiv ta' annimali f'sensihom għal taħlita ta' gass li fiha aktar minn 40 % ta' dijossidu tal-karbonju. Il-metodu jista' jintuża f'ħofor, mini, kontenituri jew bini ssiġillati minn qabel.<br><br>Sturdament sempliċi f'każ tal-qatla tal-ħnieżer. | Ħnieżer, mustelids, ċinċilla, tjur minbarra papri u wiżż.<br><br>Il-qatla tal-ħnieżer biss<br><br>Sitwazzjonijiet oħrajn minbarra l-qatla għal tjur, mustelids, ċinċilla, ħnieżer. | Konċentrazzjoni ta' dijossidu tal-karbonju.<br><br>Dewmien tal-esponiment.<br><br>Intervall jew intervalli stun-to-stick massimi f'każ ta sturdament sempliċi.<br><br>Kwalità tal-gass.<br><br>Temperatura tal-gass. | Punt 7.<br><br>Punt 8. |
| 2 | Dijossidu tal-karbonju f'żewġ fażijiet | Esponiment suċċessiv ta' annimali f'sensihom għal taħlita ta' gass li fiha inqas minn 40 % ta' dijossidu tal-karbonju, segwit minn konċentrazzjoni ogħla ta' dijossidu tal-karbonju meta l-annimali jkunu ntilfu minn sensihom. | Tjur<br><br>Waqt il-qatla, depopolazzjoni u sitwazzjonijiet oħrajn | Konċentrazzjoni ta' dijossidu tal-karbonju.<br><br>Dewmien tal-esponiment.<br><br>Kwalità tal-gass.<br><br>Temperatura tal-gass. | Mhux applikabbli |

| Nru | Isem | Deskrizzjoni | Kondizzjonijiet għall-użu | Parametri ewlenin | Rekwiżiti speċifiċi tal-Kapitolu II ta' dan l-Anness |
|---|---|---|---|---|---|
| 3 | Dijossidu tal-karbonju assoċjat ma' gassijiet inerti | Esponiment dirett jew progressiv ta' annimali f'sensihom għal taħlita ta' gass li fiha sa 40 % ta' dijossidu tal-karbonju assoċjat ma' gassijiet inerti li jwasslu għall-anossija. Il-metodu jista' jintuża f'ħofor, basktijiet, mini, kontenituri jew f'bini ssiġillat minn qabel.<br><br>Sturdament sempliċi għall-ħnieżer jekk id-dewmien tal-esponiment għal mill-inqas 30 % ta' dijossidu tal-karbonju huwa ta' inqas minn 7 minuti.<br><br>Sturdament sempliċi għat-tjur jekk id-dewmien totali tal-esponiment għal mill-inqas 30 % ta' dijossidu tal-karbonju huwa ta' inqas minn 3 minuti. | Ħnieżer u tjur.<br><br>Waqt il-qatla, depopolazzjoni u sitwazzjonijiet oħrajn | Konċentrazzjoni ta' dijossidu tal-karbonju.<br><br>Dewmien tal-esponiment.<br><br>Intervall jew intervalli stun-to-stick/kill massimi f'każ ta sturdament sempliċi.<br><br>Kwalità tal-gass.<br><br>Temperatura tal-gass.<br><br>Konċentrazzjoni ta' ossiġnu. | Punt 8. |
| 4 | Gassijiet inerti | Esponiment dirett jew progressiv ta' annimali f'sensihom għal taħlita ta' gass inerti bħal Argon jew Nitroġenu li jwassal għall-anossija. Il-metodu jista' jintuża f'ħofor, basktijiet, mini, kontenituri jew f'bini ssiġillat minn qabel.<br><br>Sturdament sempliċi f'każ tal-qatla tal-ħnieżer.<br><br>Sturdament sempliċi għal tjur jekk id-dewmien tal-esponiment għal anossija huwa ta' inqas minn 3 minuti. | Ħnieżer u tjur.<br><br>Waqt il-qatla, depopolazzjoni u sitwazzjonijiet oħrajn | Konċentrazzjoni ta' ossiġnu.<br><br>Dewmien tal-esponiment.<br><br>Kwalità tal-gass.<br><br>Intervall jew intervalli stun-to-stick/kill massimi f'każ ta sturdament sempliċi.<br><br>Temperatura tal-gass. | Punt 8. |
| 5 | Monossidu tal-karbonju (sors pur) | L-esponiment ta' annimali f'sensihom għal taħlita ta' gass li fiha aktar minn 4 % ta' monossidu tal-karbonju. | Annimali tal-pil, tjur u ħannus.<br><br>Sitwazzjonijiet oħrajn minbarra waqt il-qatla. | Kwalità tal-gass.<br><br>Konċentrazzjoni ta' monossidu tal-karbonju.<br><br>Dewmien tal-esponiment.<br><br>Temperatura tal-gass. | Punti 9.1, 9.2 u 9.3. |
| 6 | Monossidu tal-karbonju assoċjat ma' gassijiet oħra | L-esponiment ta' annimali f'sensihom għal taħlita ta' gass li fiha aktar minn 1 % ta' monossidu tal-karbonju assoċjat ma' gassijiet tossiċi oħra. | Annimali tal-pil, tjur u ħannus.<br><br>Sitwazzjonijiet oħrajn minbarra waqt il-qatla. | Konċentrazzjoni ta' monossidu tal-karbonju.<br><br>Dewmien tal-esponiment.<br><br>Temperatura tal-gass.<br><br>Filtrazzjoni tal-gass prodott minn magna. | Punt 9. |

*Tabella 4 — Metodi oħra*

| Nru | Isem | Deskrizzjoni | Kondizzjonijiet għall-użu | Parametri ewlenin | Rekwiżiti speċifiċi tal-Kapitolu II ta' dan l-Anness |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Injezzjoni letali | Telfien tas-sensi u s-sensibbiltà segwiti minn mewt irreversibbli kkaġunata minn injezzjoni ta' mediċini veterinarji. | L-ispeċi kollha.<br>Sitwazzjonijiet oħrajn minbarra waqt il-qatla. | Tip ta' injezzjoni.<br>Bl-użu ta' mediċini approvati. | Mhux applikabbli |

KAPITOLU II

**Rekwiżiti speċifiċi għal ċerti metodi**

1. *Apparat ta' captive bolt mhux penetranti*

Fl-użu ta' dan il-metodu, l-operaturi tan-negozju għandhom ikunu attenti biex jevitaw il-frattura tar-ras.

Dan il-metodu għandu jintuża biss għar-ruminanti ta' anqas minn 10 kg ta' piż ħaj.

2. *Maċerazzjoni*

Dan il-metodu għandu jipprovdi maċerazzjoni istantanja u mewt immedjata tal-annimali. L-apparat għandu jkollu xfafar li joqtlu li joperaw b'mod mekkaniku u li jduru rapidament jew sporġenzi ta' polisterin imwessa'. Il-kapaċità tal-appart għandha tkun biżżejjed sabiex tiżgura li l-annimali kollha jinqatlu mill-ewwel, anke jekk jiġu mmaniġġati f'numri kbar.

3. *Żlogatura ċervikali u daqqa rapida lir-ras*

Dawn il-metodi ma għandhomx jintużaw bħala metodi ta' rutina iżda biss fejn ma jkunx hemm metodi oħra disponibbli għall-isturdament.

Dawn il-metodi għandhom jintużaw f'biċċeriji minbarra bħala metodu ta' riżerva għall-isturdament.

L-ebda persuna ma għandha toqtol permezz ta' żlogatura ċervikali manwali jew permezz ta' daqqa rapida lir-ras aktar minn sebgħin annimal kuljum.

L-iżlogatura ċervikali manwali ma għandhiex tintuża' fuq annimali b'piż meta ħajjin ta' aktar minn tliet kg.

4. *Sturdament bl-elettriku tar-ras biss*

4.1. Meta jintuża l-isturdament bl-elettriku tar-ras biss, l-elettrodi għandhom jiddawru mal-moħħ tal-annimal u għandhom ikunu adattati għad-daqs tiegħu.

4.2. L-isturdament bl-elettriku tar-ras biss għandu jitwettaq skont il-kurrenti minimi stabbiliti fit-Tabella 1.

*Tabella 1 — Kurrenti minimi għall-isturdament bl-elettriku tar-ras biss*

| Kategorija ta' annimali | Annimali bovini ta' 6 xhur jew aktar | Annimali bovini ta' inqas minn 6 xhur | Annimali tal-ispeċi ovina u kaprina | Annimali tal-ispeċi porċina | Tiġieġ | Dundjani |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Kurrent minimu | 1,28 A | 1,25 A | 1,00 A | 1,30 A | 240 mA | 400 mA |

5. *Sturdament bl-elettriku mir-ras għall-ġisem*

5.1. Annimali tal-ispeċi ovina, kaprina u porċina.

Il-kurrenti minimi għall-isturdament bl-elettriku mir-ras għall-ġisem għandhom ikunu ta' 1 ampere għan-nagħaġ u l-mogħoż ta' 1,30 amperes għall-ħnieżer.

5.2. Volpi

L-elettrodi għandhom jitwaħħlu mal-ħalq u mar-rektum b'kurrent ta' valur minimu ta' 0,3 amperes u vultaġġ minimu ta' 110 volt għal mill-inqas tliet sekondi.

5.3. Ċinċilli

L-elettrodi għandhom jitwaħħlu mal-widna u mad-denb b'kurrent ta' valur minimu ta' 0,57 amperes għal mill-anqas 60 sekonda.

6. *Sturdament ta' tjur permezz ta' banjijiet tal-ilma li minnhom jgħaddi l-elettriku*

6.1. L-annimali ma għandhomx jintrabtu jekk huma żgħar wisq għall-isturdament permezz tal-banju tal-ilma jew jekk l-irbit jista' joħloq jew iżid l-uġigħ li jinħass (bħal annimali feruti viżibbilment). F'dawn il-każijiet, għandhom jinqatlu b'metodu alternattiv.

6.2. L-irbit għandu jkun imxarrab qabel ma tjur ħajjin jiġu marbutin u jkunu esposti għall-kurrent. It-tjur għandhom jiddendlu minn saqajhom it-tnejn.

6.3. Għall-annimali msemmija fit-Tabella 2, l-isturdament f'banju tal-ilma għandu jitwettaq skont il-kurrenti minimi stabbiliti fiha, u l-annimali għandhom ikunu esposti għal dak il-kurrent għal tul minimu ta' mill-inqas erba' sekondi.

*Tabella 2 — Rekwiżiti elettriċi għat-tagħmir tal-isturdament fil-banjijiet tal-ilma*

(valuri medji għal kull annimal)

| Frekwenza (Hz) | Tiġieġ | Dundjani | Papri u wiżż | Summien |
|---|---|---|---|---|
| < 200 Hz | 100 mA | 250 mA | 130 mA | 45 mA |
| Minn 200 sa 400 Hz | 150 mA | 400 mA | Mhux permess | Mhux permess |
| Minn 400 sa 1 500 Hz* | 200 mA | 400 mA | Mhux permess | Mhux permess |

7. *Konċentrazzjonijiet għoljin ta' dijossidu tal-karbonju*

Fil-każ ta' ħnieżer, mestelids u ċinċilla, għandha tintuża' konċentrazzjoni minima ta' 80 % ta' dijossidu tal-karbonju.

8. *Id-dijossidu tal-karbonju, l-użu ta' gassijiet inerti jew kombinazzjoni ta' dawk it-taħlitiet ta' gass*

Fl-ebda ċirkostanza ma għandhom jidħlu gassijiet fil-kompartiment jew fil-post fejn l-annimali għandhom jiġu storduti u maqtula b'mod li jista' joħloq ħruq jew eċċitament minħabba ffriżar jew nuqqas ta' umdità.

9. *Monossidu tal-karbonju (sors pur jew assoċjat ma' gassijiet oħra)*

9.1. L-annimali għandhom jinżammu taħt superviżjoni viżiva l-ħin kollu.

9.2. Għandhom jiddaħħlu wieħed wieħed u għandu jiġi assigurat li qabel ma jiddaħħal l-annimal li jmiss, dak preċedenti jkun mitluf minn sensih jew mejjet.

9.3. L-annimali għandhom jibqgħu fil-kompartiment sakemm imutu.

9.4. Il-gass prodott minn magna adattata apposta għall-fini li toqtol lill-annimali jista' jintuża bil-kondizzjoni li l-persuna responsabbli għall-qtil tkun preċedentement ivverifikat li l-gass użat:

(a) ġie mkessaħ b'mod adatt;

(b) ikun ġie ffiltrat biżżejjed;

(c) huwa ħieles minn kwalunkwe komponent jew gass irritanti.

Il-magna għandha tkun ittestjata kull sena qabel ma jsir il-qtil tal-annimali.

9.5. L-annimali ma għandhomx jitqiegħdu fil-kompartiment sakemm tkun intlaħqet il-konċentrazzjoni minima tal-monossidu tal-karbonju.

*ANNESS II*

**TQASSIM, KOSTRUZZJONI, U TAGĦMIR TAL-BIĊĊERIJI**

(kif imsemmi fl-Artikolu 14)

1. *Il-faċilitajiet kollha tal-postijiet temporanji għaż-żamma*

1.1. Is-sistemi kollha ta' ventilazzjoni għandhom ikunu mfasslin, mibnija u miżmuma sabiex ikun żgurat it-trattament xieraq tal-annimali b'mod kostanti, waqt li tiġi kkunsidrata l-firxa mistennija tal-kondizzjonijiet tat-temp.

1.2. Meta jkunu meħtieġa mezzi mekkaniċi ta' ventilazzjoni, għandhom isiru dispożizzjonijiet għal faċilitajiet ta' riżerva ta' allert u emerġenza fil-każ ta' ħsara.

1.3. Il-faċilitajiet għaż-żamma temporanja għandhom ikunu mfassla u mibnija b'mod li jitnaqqsu r-riskju li l-annimali jweġġgħu u l-okkorrenza ta' ħsejjes għall-għarrieda.

1.4. Il-faċilitajiet għaż-żamma temporanja għandhom ikunu mfassla u mibnija sabiex jiffaċilitaw l-ispezzjoni tal-annimali. Għandu jkun pprovdut dawl adatt imwaħħal jew li jista' jinġarr sabiex l-annimali jkunu jistgħu jiġu spezzjonati fi kwalunkwe ħin.

2. *Faċilitajiet għaż-zamma temporanja tal-annimali li ma jiġux ikkunsinnati f'kontenituri*

2.1. L-imqajjel, il-passaġġi u l-korsiji għandhom jitfasslu u jinbnew b'tali mod li jippermettu li:

(a) l-annimali jiċċaqilqu liberament fid-direzzjoni meħtieġa bl-użu tal-karatteristiċi ta' mġiba tagħhom u mingħajr distrazzjoni;

(b) l-ħnieżer jew in-ngħaġ jimxu ma' ġenb xulxin, ħlief fil-każ tal-korsiji li jwasslu għat-tagħmir tat-trażżin.

2.2. Ir-rampi u l-pontijiet għandhom ikunu mgħammra bi protezzjoni laterali sabiex jiżguraw li l-annimali ma jkunux jistgħu jaqgħu.

2.3. Is-sistema tal-provvista tal-ilma fl-imqajjel għandha titfassal, tinbena u tinżamm b'tali mod li tippermetti aċċess għall-ilma nadif lill-annimali kollha fil-ħinijiet kollha mingħajr ma jweġġgħu jew ikunu limitati fil-movimenti tagħhom.

2.4. Meta jintuża maqjel għall-istennija, dan għandu jinbena b'art illivellata u bi ġnub sodi, bejn l-imqajjel taż-żamma u l-korsija li twassal għall-punt fejn isir l-isturdament u jitfassal b'tali mod li l-annimali ma jistgħux jinqabdu jew jitgħafġu taħt is-saqajn.

2.5. L-art għandha tinbena u tinżamm b'tali mod li jiġi minimizzat ir-riskju li l-annimali jiżolqu, jaqgħu jew iweġġgħu saqajhom.

2.6. Fejn biċċeriji jkollhom żoni għaż-żamma temporanja mingħajr kenn jew dell naturali, għandha tiġi pprovduta protezzjoni adatta minn kondizzjonijiet avversi tat-temp. Fin-nuqqas ta' tali protezzjoni, dawn il-postijiet temporanji għaż-żamma ma għandhomx jintużaw f'kondizzjonijiet avversi tat-temp. Fin-nuqqas ta' sors naturali ta' ilma, għandhom ikunu pprovduti faċilitajiet għax-xorb.

3. *Tagħmir u faċilitajiet għat-trażżin*

3.1. It-tagħmir u l-faċilitajiet għat-trażżin għandhom jitfasslu, jinbnew u jinżammu sabiex:

(a) itejbu l-applikazzjoni tal-metodu tal-isturdament jew tal-qtil;

(b) jipprevjeni l-feriti jew il-kontużjonijiet lill-annimali;

(c) jimminimizzaw it-taqbid u l-vokalizzazzjoni meta jitrażżnu l-annimali;

(d) jimminimizzaw il-ħin tat-trażżin.

3.2. Għal annimali tal-ispeċi bovina, il-kaxex tat-trażżin użati flimkien mal-captive bolt pnewmatiku għandhom ikunu mgħammra b'apparat li jillimita kemm il-moviment laterali kif ukoll dak vertikali tar-ras tal-annimal.

4. *Tagħmir elettriku għall-isturdament (minbarra t-tagħmir ta' sturdament fil-banjijiet)*

4.1. It-tagħmir elettriku għall-isturdament għandu jkun mgħammar b'apparat li juri u jirreġistra d-dettalji tal-parametri elettriċi ewlenin għal kull annimal stordut. L-apparat għandu jitqiegħed b'mod li jkun viżibbli b'mod ċar għall-persunal u għandu jagħti sinjal ta' twissija li jidher ċar jekk id-dewmien tal-esponiment ikun taħt il-livell meħtieġ. Dawn ir-reġistri għandhom jinżammu mill-inqas sena.

4.2. L-apparat elettriku awtomatiku għall-isturdament assoċjat mal-apparat ta' trażżin għandu joħroġ kurrent kostanti.

5. *Tagħmir għall-isturdament permezz ta' banju tal-ilma*

5.1. Il-wajers għat-trażżin għandhom jitfasslu u jitpoġġew b'tali mod li l-għasafar mdendla fuqhom ikunu ħielsa minn kwalunkwe ostakolu u li d-disturb lill-annimali jitnaqqas għal minimu.

5.2. Il-wajers tat-trażżin għandhom jitfasslu b'tali mod li t-tjur imdendla fuqhom ma jibqgħux imdendlin meta jkunu f'sensihom għal aktar minn minuta. Madankollu, il-papri, il-wiżż u d-dundjani ma għandhomx jibqgħu mdendlin meta jkunu f'sensihom għal aktar minn żewġ minuti.

5.3. It-tul kollu tal-wajer tat-trażżin sal-punt tad-dħul fit-tank tal-ilma li jismot għandu jkun faċilment aċċessibbli f'każ li l-annimali jkollhom jitneħħew mil-linja tal-qatla.

5.4. Id-daqs u l-forma tat-trażżin tal-metall għandhom ikunu adatti għad-daqs tas-saqajn tat-tjur li sejrin jinqatlu sabiex il-kuntatt elettriku jkun jista' jsir mingħajr ma jikkawża uġigħ.

5.5. It-tagħmir għall-isturdament fil-banjijiet tal-ilma għandu jkun mgħammar b'rampa għad-dħul iżolata mill-elettriku u mfassla u miżmuma sabiex ma jkunx hemm fluss żejjed ta' ilma fid-daħla.

5.6. Il-banju tal-ilma għandu jitfassal b'tali mod li l-livell tal-immersjoni tat-tjur ikun jista' jiġi adattat faċilment.

5.7. L-elettrodi tat-tagħmir għall-isturdament fil-banijiet tal-ilma għandhom jiġu estiżi għat-tul kollu tal-banju tal-ilma. Il-banju tal-ilma għandu jitfassal u jinżamm b'tali mod li meta t-trażżin jgħaddi minn fuq l-ilma, dan ikun f'kuntatt kontinwu mal-virga ertjata.

5.8. Għandha tinbena sistema b'kuntatt mas-sider tat-tjur mill-punt tat-trażżin sakemm it-tjur jidħlu fil-banju tal-ilma għall-isturdament sabiex tikkalmahom.

5.9. Għandu jkun disponibbli aċċess għat-tagħmir tal-isturdament fil-banjijiet tal-ilma sabiex jippermetti l-iżvinar tat-tjur li jkunu ġew storduti u li jkunu baqgħu fil-banju tal-ilma minħabba ħsara jew dewmien fil-linja.

5.10. It-tagħmir elettriku għall-isturdament fil-banjijiet għandu jkun mgħammar b'apparat li juri u jirreġistra d-dettalji tal-parametri elettriċi ewlenin użati. Dawn ir-reġistri għandhom jinżammu mill-inqas sena.

6. *Tagħmir għall-isturdament bil-gass għal ħnieżer u tjur*

6.1. Tagħmir għall-isturdament bil-gass, inklużi l-conveyor belts għandu jkun imfassal u mibni sabiex:

(a) itejjeb kemm jista' jkun l-applikazzjoni tal-isturdament bil-gass;

(b) jipprevjeni l-feriti jew il-kontużjonijiet lill-annimali;

(c) inaqqas it-taqbid u l-vokalizzazzjoni meta jitrażżnu l-annimali.

6.2. It-tagħmir tal-isturdament bil-gass għandu jkun mgħammar b'tali mod li jkejjel kontinwament, juri u jirreġistra l-konċentrazzjoni tal-gass u l-ħin tal-esponiment u li jagħti twissija viżibbli u ċara u li tinstema' jekk il-konċentrazzjoni tal-gass taqa' taħt il-livell meħtieġ. L-apparat għandu jitqiegħed b'mod li jkun jidher b'mod ċar mill-persunal. Dawn ir-reġistri għandhom jinżammu mill-inqas sena.

6.3. It-tagħmir tal-isturdament bil-gass għandu jitfassal b'tali mod li, anke fl-ammont massimu permess, l-annimali jkunu jistgħu jimteddu mingħajr ma jkunu wieħed fuq l-ieħor.

*ANNESS III*

**REGOLI OPERATTIVI GĦALL-BIĊĊERIJI**

(kif imsemmi fl-Artikolu 15)

1. *Il-wasla, iċ-ċaqliq u l-immaniġġar tal-annimali*

1.1. Il-kondizzjonijiet tat-trattament xieraq ta' kull kunsinna ta' annimali għandhom jiġu stmati sistematikament mill-uffiċjal għat-trattament xieraq tal-annimali jew minn persuna li tirrapporta direttament lill-uffiċjal għat-trattament xieraq tal-annimali, malli dawn jaslu, sabiex dawn jidentifikaw il-prijoritajiet, b'mod partikolari billi jistabbilixxu liema annimali għandhom bżonnijiet speċifiċi għat-trattament xieraq u liema huma dawk il-miżuri korrispondenti li qegħdin jittieħdu.

1.2. L-annimali għandhom jinħattu malajr kemm jista' jkun wara li jaslu u wara jinqatlu mingħajr dewmien bla bżonn.

Il-mammiferi, minbarra l-fniek u l-liebri, li ma jittiħdux direttament fil-post tal-qatla malli jaslu, għandhom jinżammu f'postijiet temporanji għaż-żamma.

Annimali li ma jkunux ġew maqtula sa tnax-il siegħa mill-wasla tagħhom għandhom jiġu mitmugħa, u sussegwentement għandu jingħatalhom ammonti moderati ta' ikel f'intervalli adatti. F'tali każijiet, l-annimali għandhom jiġu pprovduti b'ammont adatt ta' materjal biex jistrieħu fuqu jew b'materjal ekwivalenti li jiggarantixxi livell ta' kumdità adatt skont l-ispeċi u n-numru ta' annimali kkonċernati. Dan il-materjal għandu jiggarantixxi dranaġġ effiċjenti jew jiżgura assorbiment adegwat tal-awrina u tal-feċi.

1.3. Il-kontenituri li fihom jiġu ttrasportati l-annimali għandhom jinżammu fi stat tajjeb, jiġu mmaniġġati b'attenzjoni, b'mod partikolari jekk ikollhom qiegħ imtaqqab jew flessibbli, u:

(a) ma għandhomx jintefgħu, jitwaqqgħu, jew jittajru;

(b) fejn possibbli, għandhom jiġu mgħobbija u mħatta orizzontalment u mekkanikament.

Kull meta huwa possibbli, l-annimali għandhom jitħattu individwalment.

1.4. Meta l-kontenituri jitqiegħdu wieħed fuq l-ieħor għandhom jittieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa sabiex:

(a) ikun limitat l-ammont ta' awrina u feċi li jaqa' fuq l-annimali li jkunu qegħdin taħt;

(b) tkun żgurata l-istabbiltà tal-kontenituri;

(c) ikun żgurat li l-ventilazzjoni ma tkunx ostakolata.

1.5. Għall-finijiet tal-qatla, l-annimali mhux miftumin, l-annimali tal-ħalib li jkunu qegħdin ireddgħu, annimali li jkunu welldu waqt il-vjaġġ, jew annimali li jkunu ġew ikkunsinnati fil-kontenituri għandhom jingħataw prijorità fuq tipi ta' annimali oħrajn. Jekk dan ma jkunx possibbli, għandhom isiru arranġamenti sabiex titnehħielhom is-sofferenza, b'mod partikolari billi:

(a) l-annimali jinħelbu f'intervalli ta' mhux aktar minn 12-il siegħa;

(b) jiġu pprovduti kondizzjonijiet adatti għat-treddigħ u għat-trattament xieraq tal-annimal li jkun għadu kif twieled fil-każ ta' annimal li jkun għadu kif welled;

(c) jingħata l-ilma lill-annimali kkunsinnati f'kontenituri.

1.6. Il-mammiferi, minbarra l-fniek u l-liebri, li ma jittiħdux direttament fil-biċċerija wara li jinħattu, għandu jkollhom ilma biex jixorbu disponibbli minn faċilitajiet adatti l-ħin kollu.

1.7. Għandha tkun żgurata provvista regolari ta' annimali għall-isturdament u għall-qtil sabiex dawk li jimmaniġġaw l-annimali ma jkollhomx jgħaġġlu lill-annimali mill-maqjel li jkunu miżmuma fih.

1.8. Għandu jkun ipprojbit li:

(a) wieħed jagħti daqqiet jew daqqiet ta' sieq lill-annimali;

(b) tiġi applikata pressjoni fuq xi parti sensittiva tal-ġisem b'tali mod li l-annimal isofri minn uġigħ jew sofferenza li tista' tkun evitata;

(c) l-annimali jintrefgħu jew jinġibdu mir-ras, widnejn, qrun, saqajn, denb jew mis-suf, jew jiġu mmaniġġati b'mod li jikkawżalhom uġigħ jew sofferenza;

Madankollu, il-projbizzjoni li l-annimali jintrefgħu minn saqajhom ma għandhiex tapplika għat-tjur, il-fniek u l-liebri.

(d) jintużaw niggieżi jew strumenti oħra bil-ponta.

(e) jitgħawweġ, jitgħaffeġ jew jinkiser id-denb tal-annimali jew li jinqabdu l-għajnejn ta' kwalunkwe annimal.

1.9. L-użu ta' strumenti li jagħtu xokkijiet elettriċi għandu jiġi evitat kemm jista' jkun. Fi kwalunkwe każ, dawn l-istrumenti jistgħu jintużaw biss għall-annimali bovini adulti u ħnieżer adulti li jirrifjutaw li jiċċaqalqu, u biss meta għandhom post quddiemhom fejn jiċċaqalqu. Ix-xokkijiet ma għandhomx idumu aktar minn sekonda waħda, għandu jkun hemm intervall adegwat ta' ħin bejn wieħed u ieħor u għandhom jiġu applikati biss fuq il-muskoli tar-robbijiet ta' wara. Ix-xokkijiet ma għandhomx jintużaw ripetutament jekk l-annimal jonqos milli jirrispondi.

1.10. L-annimali ma għandhomx jintrabtu mill-qrun, mill-qrejjen imsaġġrin jew miċ-ċrieket ta' mneħirhom u saqajhom m'għandhomx jintrabtu flimkien. Meta l-annimali jkollhom jintrabtu, il-ħbula, l-irbit jew mezzi oħra użati għandhom ikunu:

(a) b'saħħithom biżżejjed biex ma jinqatgħux;

(b) tali li jippermettu lill-annimali, jekk ikun meħtieġ, jimteddu, jieklu u jixorbu;

(c) imfasslin b'tali mod li jeliminaw kwalunkwe periklu ta' fgar jew korriment u b'tali mod li l-annimali jkunu jistgħu jinħelsu malajr.

1.11. L-annimali li ma jistgħux jimxu ma għandhomx jiġu mkaxkra sal-post tal-qatla, iżda għandhom jinqatlu fejn jinsabu.

2. *Regoli addizzjonali għal mammiferi fil-post għaż-żamma temporanja (ħlief għall-fniek u liebri)*

2.1. Kull annimal għandu jkollu biżżejjed spazju biex joqgħod bilwieqfa, jimtedd u, minbarra għal frat li jinżammu individwalment, idur.

2.2. L-annimali għandhom jinżammu marbutin sewwa fil-post għaż-żamma temporanja u għandha tingħata attenzjoni sabiex dawn ma jaħarbux u sabiex jiġu protetti mill-predaturi.

2.3. Għandhom ikunu indikati għal kull maqjel u b'sinjal viżibbli d-data u l-ħin tal-wasla, u minbarra għal frat miżmum individwalment, in-numru massimu ta' annimali li jinżammu.

2.4. Kull ġurnata li fiha taħdem il-biċċerija, qabel ma jasal kwalunkwe annimal, l-imqajjel ta' iżolament għall-annimali li jeħtieġu kura speċifika għandhom jithejjew u jinżammu lesti għall-użu immedjat.

2.5. Il-kondizzjoni u l-istat tas-saħħa tal-annimali fil-post għaż-żamma temporanja għandhom ikunu spezzjonati regolarment mill-uffiċjal għat-trattament xieraq tal-annimal jew minn persuna li għandha kompetenza adatta.

3. *Fsada tal-annimali*

3.1. Meta persuna waħda tkun responsabbli għall-isturdament, it-trażżin, l-irfigħ u l-fsada tal-annimali, dik il-persuna għandha twettaq dawk l-operazzjonijiet kollha konsekuttivament fuq annimal wieħed qabel ma twettaqhom fuq annimal ieħor.

3.2. F'każ ta' sturdament sempliċi jew qatla konformement mal-Artikolu 4(4), iż-żewġ arterji karotidi jew vini li jwasslu għalihom għandhom jinqatgħu sistematikament. L-istimulazzjoni elettrika għandha titwettaq biss ladarba jkun ġie ivverfikat li l-annimal mhuwiex f'sensih. Il-mili u t-tismit jistgħu jitwettqu biss ladarba jkun ġie ivverfikat li l-annimal m'għadux ħaj.

3.3. It-tjur ma għandhomx jinqatlu permezz ta' magni awtomatiċi li jaqtgħu l-għonq sakemm ma jiġix żgurat li l-magni li jaqtgħu l-għonq ikunu qatgħu b'mod effettiv iż-żewġ arterji tad-demm. Meta l-magni li jaqtgħu l-għonq ma jkunux effettivi, l-għasfur għandu jinqatel minnufih.

*ANNESS IV*

## KORRISPONDENZA BEJN ATTIVITAJIET U REKWIŻITI GĦALL-EŻAMI TAL-KOMPETENZA

(kif imsemmi fl-Artikolu 21)

| Operazzjonijiet ta' qatla elenkati fl-Artikolu 7(2) | Suġġetti għall-eżami tal-kompetenza |
|---|---|
| L-operazzjonijiet kollha elenkati fl-Artikolu 7 (2) (a) sa (g). | L-imġiba tal-annimali, is-sofferenza tal-annimali, jekk l-annimal ikunx f'sensih u s-sensibbiltà tiegħu, l-istress fl-annimali. |
| (a) l-immaniġġar u l-kura tal-annimali qabel ma jitrażżnu; | Aspetti prattiċi ta' mmaniġġar u ta' trażżin tal-annimali. |
| (b) it-trażżin tal-annimali għall-għanijiet ta' sturdament jew qtil; | Konoxxenza tal-istruzzjonijiet tal-manifatturi dwar it-tip ta' tagħmir tat-trażżin użat f'każ ta' trażżin mekkaniku |
| (c) l-isturdament tal-annimali; | Aspetti prattiċi tal-metodi tal-isturdament u konoxxenza tal-istruzzjonijiet tal-manifatturi dwar it-tip tat-tagħmir tal-isturdament użat.<br>Metodi ta' riżerva ta' sturdament u/jew metodi ta' qtil.<br>Manutenzjoni bażika u tindif tat-tagħmir tal-isturdament u/jew tal-qtil. |
| (d) il-valutazzjoni tal-effettività tal-isturdament; | Monitoraġġ tal-effikaċja tal-isturdament.<br>Metodi ta' riżerva ta' sturdament u/jew metodi ta' qtil. |
| (e) it-tixkil jew l-irfigħ ta' annimali ħajjin; | Aspetti prattiċi ta' mmaniġġar u ta' trażżin tal-annimali.<br>Monitoraġġ tal-effikaċja tal-isturdament |
| (f) il-fsada ta' annimali ħajjin; | Monitoraġġ tal-effikaċja tal-isturdament u n-nuqqas ta' sinjali ta' ħajja.<br>Metodi ta' riżerva ta' sturdament u/jew metodi ta' qtil.<br>Użu adatt u manutenzjoni ta' skieken għall-fsada |
| (g) il-qatla konformement mal-Artikolu 4(4). | Użu adatt u manutenzjoni ta' skieken għall-fsada<br>Monitoraġġ tan-nuqqas ta' sinjali ta' ħajja. |

| Operazzjonijiet ta' qatla elenkati fl-Artikolu 7(3) | Suġġetti għall-eżami tal-kompetenza |
|---|---|
| il-qtil ta' annimali tal-pil. | Aspetti prattiċi ta' mmaniġġar u ta' trażżin tal-annimali.<br>Aspetti prattiċi tal-metodi tal-isturdament u konoxxenza tal-istruzzjonijiet tal-manifatturi dwar tagħmir tal-isturdament.<br>Metodi ta' riżerva ta' sturdament u/jew metodi ta' qtil.<br>Monitoraġġ tal-effikaċja tal-isturdament u l-konferma tal-mewt.<br>Manutenzjoni u tindif bażiku tat-tagħmir tal-isturdament u/jew tal-qtil |